SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla Estiża)

27 ta' Novembru 2024*

"Enerġija – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva (UE) 2019/692 – Emenda tad-Direttiva 2009/73/KE – Ċertezza legali – Ugwaljanza fit-trattament – Proporzjonalità – Użu ħażin ta' poter – Irregolaritajiet proċedurali

Fil-Kawża T-526/19 RENV,

Nord Stream 2 AG, stabbilita fi Steinhausen (l-Isvizzera), irrappreżentata minn T. Winter u K. Hobér, avocats,

rikorrenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn A. Tamás, O. Denkov u J. Etienne, bħala aġenti,

u

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn K. Pavlaki, L. Vétillard u A. Jensen, bħala aġenti,

konvenuti,

sostnuti minn

Ir-Repubblika tal-Estonja, irrappreżentata minn M. Kriisa, bħala aġent,

minn

Ir-Repubblika tal-Latvja, irrappreżentata minn K. Pommere, bħala aġent,

minn

Ir-Repubblika tal-Litwanja, irrappreżentata minn K. Dieninis, R. Dzikovič, S. Grigonis u V. Kazlauskaitė-Švenčionienė, bħala aġenti,

minn

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Ir-Repubblika tal-Polonja, irrappreżentata minn B. Majczyna, K. Rudzińska, S. Żyrek u M. Rzotkiewicz, bħala aġenti,

u minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn O. Beynet u B. De Meester, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla Estiża),

komposta minn M. van der Woude, President, J. Svenningsen (Relatur), C. Mac Eochaidh, J. Martín y Pérez de Nanclares u M. Stancu, Imħallfin,

Reġistratur: I. Kurme, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2022,

wara s-seduta tal-11 ta' April 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Nord Stream 2 AG, titlob l-annullament tad-Direttiva (UE) 2019/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU 2019, L 117, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva kkontestata").

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

A. Id-Direttiva 2009/73

2 Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94) taqa' taħt qafas regolamentari usa' msejjaħ "It-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija". Id-Direttiva 2009/73 hija intiża li tistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tat-trasport, tad-distribuzzjoni, tal-provvista u tal-ħżin ta' gass naturali sabiex tippermetti aċċess għas-suq u tiffavorixxi kompetizzjoni ġusta u nondiskriminatorja.

3 Id-Direttiva 2009/73 tipprevedi diversi obbligi sabiex jintlaħaq dan l-għan. F'dan ir-rigward, b'mod partikolari, l-imsemmija direttiva tipprevedi fl-Artikolu 9 tagħha l-obbligu li jiġu sseparati n-networks ta' trasport u l-operaturi tan-networks ta' trasport u tistabbilixxi fl-Artikolu 32 tagħha sistema ta' aċċess għal terzi għan-networks ta' trasport u ta' distribuzzjoni kif ukoll

għall-installazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat (LNG) ibbażata fuq tariffi ppubblikati, li għandha tiġi applikata oġġettivament u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tan-network (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73").

4 L-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73 jipprevedi, essenzjalment, li l-infrastrutturi l-kbar ġodda tal-gass, jiġifieri l-interkonnetturi, il-faċilitajiet ta' ħżin u ta' LNG, jistgħu, fuq talba, jiġu eżentati, għal perijodu definit ta' żmien, mill-obbligi previsti mill-imsemmija direttiva, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 tal-imsemmi artikolu.

B. Ir-rikorrenti

5 L-appellanti hija kumpannija rregolata mid-dritt Svizzeru li l-uniku azzjonist tagħha huwa l-kumpannija b'responsabbiltà limitata pubblika Russa Gazprom. Hija responsabbli mill-ippjanar, mill-kostruzzjoni u mill-operat tal-pipeline Nord Stream 2.

6 Bħal fil-każ tal-pipeline Nord Stream 1, li huwa kompost minn network ta' żewġ linji li l-kostruzzjoni tagħhom tlestiet fl-2012 u li l-kapaċità tiegħu hija ta' 55 biljun metri kubi fis-sena, il-pipeline Nord Stream 2, ukoll kompost minn żewġ linji ta' trasport tal-gass li kienu jaqsmu l-baħar Baltiku, għandu bħala għan li jiżgura t-trasport tal-gass bejn Oust-Louga (ir-Russja) u Lubmin (il-Ġermanja), u jġib il-kapaċità gobali ta' trasport taż-żewġ pipelines Nord Stream 1 u Nord Stream 2 għal 110 biljun metri kubi fis-sena. Minn Lubmin, il-gass ittrasportat mill-pipeline Nord Stream 2 għandu jiġi ttrasportat permezz ta' pipelines terrestri.

C. Id-Direttiva kkontestata

7 Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal direttiva (COM (2017) 660 final) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li temenda d-Direttiva 2009/73 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (COM(2017) 660 final, iktar 'il quddiem il-"proposta għal direttiva").

8 Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw id-Direttiva kkontestata, li daħlet fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali, jiġifieri fit-23 ta' Mejju 2019.

9 Il-punt 17 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73, kif issostitwit bil-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva kkontestata, jipprovdi li l-kunċett ta' "interkonnettur" ikopri mhux biss kwalunkwe linja ta' trasport li taqsam jew tinfirex tul fruntiera bejn żewġ Stati Membri għall-finijiet li tgħaqqad in-network ta' trasport nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri iżda wkoll, minn dak iż-żmien, kull linja ta' transport bejn Stat Membru u pajjiż terz sat-territorju tal-Istati Membri jew sal-baħar territorjali tal-imsemmi Stat Membru (iktar 'il quddiem il-"pipeline bejn Stat Membru u pajjiż terz".

10 Madankollu, fir-rigward tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019, l-Artikolu 49a(1) tad-Direttiva 2009/73, kif introdott bil-punt 9 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva kkontestata, jipprevedi li l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab l-ewwel punt ta' konnessjoni ta' tali pipeline man-network ta' dan l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jidderoga mill-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għat-taqsimiet ta' dan il-pipeline li jinsabu fit-territorju tiegħu u fil-baħar territorjali tiegħu (iktar 'il quddiem l-"Artikolu 49a"). Din id-deroga qed tingħata minħabba raġunijiet oġġettivi, bħall-fatt li jkun jista' jsir l-irkupru

tal-investiment imwettaq jew għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, sakemm din ma tkunx ta' ħsara għall-kompetizzjoni, għall-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass naturali jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni Ewropea.

11 L-imsemmi Artikolu 49a jipprevedi wkoll, minn naħa, li d-derogi ta' dan it-tip ikunu limitati għal tul massimu ta' 20 sena fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni oġġettiva, li jista' jiġġedded jekk ikun hemm ġustifikazzjoni u jistgħu jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-kundizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq u, min-naħa l-oħra, li tali derogi ma japplikawx għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li jkun obbligat li jittrasponi d-Direttiva 2009/73, kif emendata, fl-ordinament ġuridiku tiegħu skont ftehim konkluż mal-Unjoni.

12 Barra minn hekk, il-punt 5(a) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva kkontestata emenda l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73 billi żied, fil-paragrafu 1(e) ta' dan l-artikolu, essenzjalment, li l-eżenzjoni mogħtija skont dan l-istess artikolu ma għandhiex tippreġudika s-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali fl-Unjoni (iktar 'il quddiem "l-Artikolu 36, kif emendat").

13 Fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-emendi magħmula mid-Direttiva kkontestata għad-Direttiva 2009/73, l-Artikolu 2 tad-Direttiva kkontestata jipprevedi li l-Istati Membri jġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din l-aħħar direttiva mhux iktar tard mill-24 ta' Frar 2020, bla ħsara għal kwalunkwe deroga skont l-Artikolu 49a.

II. Il-proċeduri preċedenti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja

14 Fil-punt 4 tad-dispożittiv tad-digriet tal-20 ta' Mejju 2020, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19, EU:T:2020:210), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti bħala inammissibbli.

15 Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548), minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat l-imsemmi punt 4 tad-dispożittiv tad-digriet tal-20 ta' Mejju 2020, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19, EU:T:2020:210). Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti kien ammissibbli sa fejn kien dirett kontra l-Artikoli 36 u 49a tad-Direttiva 2009/73, kif kienu ġew, rispettivament, emendati u mdaħħla bid-Direttiva kkontestata.

III. It-talbiet tal-partijiet

16 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha;

– tikkundanna lill-Parlament u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

17 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mill-Kummissjoni, jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

18 Ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors.

IV. Id-dritt

A. Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tad-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha.

19 Bi tweġiba għal mistoqsija bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti spjegat li, wara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548), hija kienet għadha qed titlob l-annullament tad-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha minħabba li din is-sentenza ma kinitx tipprekludi dan. Essenzjalment, hija ssostni li l-imsemmija sentenza limitat biss l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali għall-evalwazzjoni tal-legalità tal-Artikolu 36, kif emendat, u tal-Artikolu 49a. Hija tqis li, jekk il-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jew waħda minnhom ma kinux konformi mad-dritt tal-Unjoni, hija jkollha teżamina jekk l-illegalità ta' dawn id-dispożizzjonijiet tistax twassal għall-annullament tad-Direttiva kkontestata kollha kemm hi. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tenfasizza li, minħabba n-natura tagħha u l-għan tagħha, id-Direttiva kkontestata hija speċifikament indirizzata kontra tagħha u li, konsegwentement, hija nieqsa minn bażi legali leġittima u għandha tiġi annullata fl-intier tagħha.

20 F'din l-istess tweġiba, ir-rikorrenti żiedet li, jekk il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi li ma tannullax id-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha, hija kienet qed titlob, sussidjarjament, l-annullament tal-Artikolu 49a.

21 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti kkonfermat li, f'din l-ipoteżi, jiġifieri jekk il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi li ma tannullax id-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha, hija ma kinitx qed titlob l-annullament tal-Artikolu 36, kif emendat.

22 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, kif issostni r-rikorrenti, meta l-qorti tal-Unjoni tikkonstata l-illegalità ta' dispożizzjoni ta' att u jkollha l-intenzjoni li tannulla din id-dispożizzjoni, hija għandha teżamina jekk dan l-annullament għandux iwassal għall-annullament tal-att inkwistjoni fl-intier tiegħu.

23 Huwa minnu wkoll li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-annullament parzjali ta' att tad-dritt l-Unjoni huwa possibbli biss sa fejn l-elementi li tagħhom ikun qiegħed jintalab l-annullament ikunu separabbli mill-kumplament ta' dan l-att (sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-540/03, EU:C:2006:429, punt 27, u tas-26 ta' April 2022, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-401/19, EU:C:2022:297, punt 17).

24 Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548), li r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti kien ammissibbli sa fejn kien indirizzat kontra l-Artikoli 36 u 49a tad-Direttiva 2009/73, kif kienu ġew, rispettivament, emendati u mdaħħla bid-Direttiva kkontestata.

25 Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset b'mod partikolari, fil-punt 165 tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548), li l-imsemmija Artikoli 36 u 49a kienu separabbli mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva 2009/73, kif emendata bid-Direttiva kkontestata.

26 Fi kliem ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-punt 5 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva kkontestata, li jemenda l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73, u l-punt 9 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva kkontestata, li jdaħħal l-Artikolu 49(a) fid-Direttiva 2009/73 (ara l-punti 10 u 12 iktar 'il fuq), kienu separabbli mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva kkontestata u, b'mod partikolari, mill-punt 1 tal-Artikolu 1 tagħha, li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, billi jissostitwixxi l-punt 17 tal-Artikolu 2 ta' din l-aħħar direttiva. (ara l-punt 9 iktar 'il fuq).

27 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'każ ta' rinviju, fuq punti ta' liġi, il-Qorti Ġenerali tkun marbuta bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod definittiv li r-rikorrenti ma setgħetx titlob l-annullament tad-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha. Minbarra dan, il-Qorti Ġenerali hija marbuta b'dan il-punt ta' liġi skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel kap tat-talbiet tar-rikors għandu jiġi miċħud sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha.

30 Min-naħa l-oħra, dan l-ewwel kap tat-talbiet tar-rikors, kif ippreċiżat mir-rikorrenti waqt is-seduta (ara l-punt 20 iktar 'il fuq), huwa effettivament ammissibbli sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-punt 9 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva kkontestata, li jdaħħal l-Artikolu 49a fid-Direttiva 2009/73.

B. Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 49a

31 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi, ibbażati, l-ewwel, fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, it-tieni, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, it-tielet, fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ir-raba', fuq użu ħażin ta' poter, il-ħames, fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali u, is-sitt wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

32 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti indikat li hija kienet qiegħda tirrinunzja għas-sitt motiv tagħha.

33 Fir-rigward tal-ħames motivi l-oħra invokati mir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li, wara osservazzjonijiet preliminari, huwa xieraq li l-ewwel jiġi eżaminat it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

1. Osservazzjonijiet preliminari

34 Fl-ewwel lok, il-qorti tal-Unjoni rrikonoxxiet lil-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lilu, setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, meta l-azzjoni tiegħu tkun timplika għażliet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, u meta jkun mitlub jagħmel evalwazzjonijiet u eżamijiet kumplessi. Madankollu, anki fil-preżenza ta' tali setgħa, il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa marbut li jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi u xierqa fid-dawl tal-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi ta' fatt kollha kif ukoll l-informazzjoni teknika u xjentifika disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tal-att inkwistjoni (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punti 57 u 58).

35 F'dan il-każ, id-Direttiva kkontestata hija bbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE li jipprevedi essenzjalment li, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati, il-Parlament u l-Kunsill għandhom jistabbilixxu l-miżuri neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-istess artikolu.

36 Għalhekk, it-Trattat FUE jawtorizza lill-Parlament u lill-Kunsill jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-intervent tagħhom fil-qasam tal-enerġija minn meta l-miżuri meħuda jkunu neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni.

37 Konsegwentement, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-eżerċizzju ta' tali kompetenza, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha ma' dik tal-leġiżlatur tal-Unjoni, iżda għandha tillimita ruħha li teżamina jekk din hijiex ivvizzjata bi żball manifest jew b'użu ħażin ta' poter jew jekk l-awtorità inkwistjoni marritx manifestament lil hinn mil-limiti tas-setgħa leġiżlattiva tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Mejju 2011, Il-Lussemburgu vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-176/09, EU:C:2011:290, punt 35, u tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, punt 150).

38 Fit-tieni lok, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, il-legalità tal-att ikkontestat għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data li fiha l-att kien ġie adottat (ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill, C-123/18 P, EU:C:2019:694, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tas-17 ta' Settembru 2007, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04, EU:T:2007:289, punt 260).

39 Għalhekk, il-fatt, allegat mir-rikorrenti, li l-pipelines l-oħra bejn Stat Membru u pajjiż terz, li huma offshore u li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019, kollha kisbu deroga abbażi tal-Artikolu 49a wara l-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni. L-istess japplika għall-fatt, allegat b'mod partikolari mill-Kunsill, li l-pipeline tar-rikorrenti għadu mhux qed jaħdem.

40 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tiġi evalwata l-fondatezza tal-motivi invokati mir-rikorrenti.

2. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali

41 Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li l-pipelines li ma tlestewx qabel it-23 ta' Mejju 2019 huma l-uniċi pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li l-operaturi tiegħu ma jistgħux jinvokaw la eżenzjoni, abbażi tal-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas deroga, abbażi tal-Artikolu 49a, huwa sors ta' inċertezza legali. Ir-rikorrenti tispjega li, fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, hija kienet diġà għamlet investimenti sostanzjali u irriversibbli fil-pipeline Nord Stream 2, kuntrarjament għall-operaturi ma kinux għadhom ħadu deċiżjoni ta' investiment definittiva.

42 Hija tippreċiża li, meta hija wettqet dawn l-investimenti, il-pipeline Nord Stream 2, bħall-pipeline Nord Stream 1, ma kienx meqjus bħala li jaqa' taħt id-Direttiva 2009/73. Huwa għalhekk li hija ma talbitx eżenzjoni skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73. Hija żżid li hija setgħet leġittimament temmen li l-investimenti tagħha ma kinux ser jiġu mċaħħda minn profittabbiltà minħabba bidla mhux mistennija u f'daqqa tal-leġiżlazzjoni.

43 Għalhekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tiegħu sabiex jadatta l-applikazzjoni tad-Direttiva kkontestata u, b'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni temporali tal-Artikolu 49a.

44 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Polonja u mill-Kummissjoni, jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

45 Il-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 148 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, meta dawn ir-regoli jista' jkollhom konsegwenzi sfavorevoli fuq l-individwi u fuq l-impriżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' sajd tal-pixxispad tal-Mediterran), C-611/17, EU:C:2019:332, punt 111).

46 Id-dritt li tintalab il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jestendi, bħala korollarju tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għal kull individwu li jsib ruħu f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni tal-Unjoni nisslet fih speranzi fondati. Tikkostitwixxi garanzija li tista' tnissel tali aspettattivi, informazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti li toriġina minn sorsi awtorizzati u affidabbli. Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fl-assenza ta' garanziji preċiżi li jkunu ngħatawlu mill-amministrazzjoni. Bl-istess mod, meta operatur ekonomiku prudenti u avżat ikun f'pożizzjoni li jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni ta' natura li taffettwa l-interessi tiegħu, huwa ma jkunx jista' jinvoka l-benefiċċju ta' tali prinċipju meta din il-miżura tiġi adottata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 153 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 L-operaturi ekonomiċi ma humiex iġġustifikati li jqiegħdu l-aspettattivi leġittimi tagħhom fiż-żamma ta' sitwazzjoni eżistenti li tkun tista' tinbidel fil-kuntest tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara s-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2012, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, C-335/09 P, EU:C:2012:385, punt 180 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 F'dan il-każ, huwa minnu li, fil-punt 80 tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li, fil-mument tal-adozzjoni u tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, ir-rikorrenti kienet diġà wettqet investimenti sinjifikattivi bl-għan tal-kostruzzjoni tal-interkonnettur tagħha fis-sens tal-punt 17 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73, kif emendata, u li dan l-interkonnettur kien jinsab fi stadju avvanzat.

49 Barra minn hekk, fil-punti 104 u 160 tas-sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet essenzjalment li, fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, ir-rikorrenti la setgħet tibbenefika minn eżenzjoni taħt l-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas minn deroga skont l-Artikolu 49a. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, minn naħa, li l-investimenti għall-pipeline Nord Stream 2 kienu diġà ġew deċiżi fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, li kien jeskludi dan il-pipeline mill-benefiċċju ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 36, kif emendat, u, min-naħa l-oħra, li, f'din id-data, kien evidenti li l-imsemmi pipeline ma setax jitlesta qabel it-23 ta' Mejju 2019, li b'hekk kien jipprekludi l-għoti ta' deroga skont l-Artikolu 49a.

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti la setgħet tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas minn deroga skont l-Artikolu 49a fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza

tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548), ma jistax juri li l-leġiżlatur kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-korollarju tiegħu, jiġifieri l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

51 Fil-fatt, l-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tal-korollarju tiegħu għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-konoxxenzi li operatur ekonomiku avżat u informat seta' raġonevolment ikollu fir-rigward tal-iżvilupp tal-kuntest ġuridiku u tal-konsegwenzi li kellu jislet minnu sabiex jiddefinixxi l-aġir tiegħu. Din l-osservanza għandha tiġi eżaminata wkoll fid-dawl taċ-ċirkustanzi madwar dan l-iżvilupp u, b'mod partikolari, tal-aġir tal-istituzzjonijiet kompetenti.

a) Fuq iċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti ma tistax tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat

52 Il-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali ma jippermettux li tiġi vverifikata l-allegazzjoni tar-rikorrenti li hija ħadet id-deċiżjoni finali tagħha ta' investiment fil-proġett Nord Stream 2 f'Settembru 2015. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma tibbaża ruħha fuq ebda anness sabiex issostni l-allegazzjoni tagħha. Barra minn hekk, elementi oħra tal-proċess jissuġġerixxu li din id-deċiżjoni kienet ittieħdet, mhux f'Settembru 2015, iżda fl-2016, u sussegwentement ġiet implimentata mir-rebbiegħa tal-2017.

53 Indipendentement mid-data preċiża li fiha r-rikorrenti effettivament adottat deċiżjoni finali ta' investiment, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li r-rikorrenti ddeċidiet li tinvesti f'kuntest ta' applikazzjoni prevedibbli tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz u, it-tieni nett, li hija kompliet bl-investimenti tagħha wara li seħħet din il-possibbiltà.

1) Fuq il-kuntest li fih ir-rikorrenti ddeċidiet li tinvesti

54 Ir-rikorrenti ddeċidiet li tinvesti f'kuntest li fih diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni kienu, b'mod ċar u għal żmien twil, urew ir-rieda tagħhom li japplikaw l-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73, l-ewwel nett, għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz b'mod ġenerali u, it-tieni nett, għall-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari.

55 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, ir-rikorrenti ddeċidiet li tinvesti f'kuntest ikkaratterizzat minn diversi pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni, mill-Kunsill Ewropew, mill-Kunsill u mill-Parlament, intiż sabiex, b'mod ġenerali, l-importazzjonijiet tal-enerġija fl-Unjoni u l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz ikunu, abbażi tad-dritt eżistenti jew abbażi ta' dritt li għandu jiġi emendat, kompletament suġġetti għar-regoli li jirregolaw is-suq intern tal-enerġija.

56 Fil-fatt, il-premessa 22 tad-Direttiva 2009/73 kienet diġà tispjega li s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija kienet element essenzjali tas-sigurtà pubblika u minn dan iddeduċiet li persuni ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu awtorizzati jeżerċitaw kontroll fuq network ta' trasport jew fuq operatur ta' network ta' trasport biss jekk kienu konformi mar-rekwiżiti dwar is-separazzjoni effettiva applikabbli fl-Unjoni. F'din l-istess premessa, il-Kummissjoni kienet ukoll imħeġġa, jekk ikun il-każ, tippreżenta rakkomandazzjonijiet bl-għan li tinnegozja ftehimiet rilevanti ma' pajjiżi terzi li jittrattaw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni.

57 Sa mill-2010, il-Kummissjoni, bi tweġiba għall-mistoqsijiet magħmula mill-Ministru Russu għall-Enerġija, indikat, essenzjalment, li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz kienu suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, sakemm il-kuntest ġuridiku ma jinbidilx bi ftehim internazzjonali.

58 Sussegwentement, il-Parlament u l-Kunsill, fil-premessa 3 tad-Deċiżjoni 994/2012/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (ĠU 2012, L 299, p. 13) tagħhom, spjegaw li, sabiex is-suq intern tal-enerġija jiffunzjona korrettament, kien meħtieġ li l-importazzjonijiet tal-enerġija fl-Unjoni jkunu kompletament irregolati mir-regoli li jistabbilixxu s-suq intern tal-enerġija.

59 F'Diċembru 2013, rappreżentant tal-Kummissjoni esprima pubblikament l-opinjoni ta' din l-istituzzjoni li l-ftehimiet intergovernattivi konklużi minn diversi Stati Membri mal-Federazzjoni Russa dwar proġett ta' pipeline imsejjaħ "South Stream", li kellu jgħaqqad lir-Russja mal-Italja u mal-Awstrija permezz tal-Baħar Iswed u li għalih kienu nbdew ċerti xogħlijiet ta' kostruzzjoni, ma kinux konformi mal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

60 Bi tweġiba għal mistoqsija parlamentari, il-membru tal-Kummissjoni, responsabbli għall-Enerġija, fil-31 ta' Marzu 2014, indika li l-Kummissjoni kienet ser teżamina d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali adottati wara talba għal eżenzjoni skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73 magħmula mill-promoturi tal-proġett South Stream.

61 Fil-komunikazzjoni tagħha lill-Parlament u lill-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2014, intitolata "Strateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija" (COM (2014) 330 final), il-Kummissjoni enfasizzat li, fi żmien qasir, l-investimenti l-ġodda fl-infrastruttura, imħeġġa mill-fornituri dominanti, kellhom josservaw ir-regoli kollha dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni. B'mod partikolari, skont il-Kummissjoni, il-proġett South Stream kellu jiġi sospiż sakemm tiġi żgurata l-osservanza sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u wara jiġi evalwat mill-ġdid fid-dawl tal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà tal-enerġija.

62 Fil-komunikazzjoni tagħha lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tal-25 ta' Frar 2015, intitolata "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem", (COM(2015) 80 final), il-Kummissjoni indikat li l-konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni tal-ftehimiet dwar ix-xiri ta' enerġija minn pajjiżi terzi kienet tikkostitwixxi element importanti mill-istrateġija intiża li tiżgura s-sigurtà tal-enerġija.

63 Fil-15 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni wriet ukoll ix-xewqa tagħha li tissuġġetta lill-operatur tat-taqsima Pollakka tal-pipeline Yamal-Europe, li jittrasporta l-gass provenjenti mir-Russja, għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

64 Fir-riżoluzzjoni tiegħu 2015/2113(INI), tal-15 ta' Diċembru 2015, intitolata "Lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija", il-Parlament, min-naħa tiegħu, qies, b'mod partikolari, li l-Unjoni kienet dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja, li ż-żmien wera li ma hijiex sieħeb affidabbli u li tuża l-provvisti tal-enerġija tagħha bħala arma politika. Huwa żied li t-tilwim dwar il-gass tal-2006 u tal-2009 bejn ir-Russja u l-Ukraina, li huwa pajjiż ta' tranżitu, ħalla lil diversi pajjiżi tal-Unjoni b'nuqqasijiet serji ta' provvista. Skont il-Parlament, dawn l-interruzzjonijiet juru li

l-miżuri li ttieħdu sal-lum kienu insuffiċjenti biex jeliminaw id-dipendenza fuq il-gass Russu. Huwa għalhekk stieden lill-Kummissjoni sabiex tinforza d-dritt tal-Unjoni sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq intern.

65 Fl-aħħar nett, l-elementi tal-proċess juru li, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2015 (EUCO 28/15), il-Kunsill Ewropew indika li kwalunkwe infrastruttura ġdida għandha tkun kompletament konformi mat-"Tielet Pakkett dwar l-Enerġija" u mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi l-oħra applikabbli tal-Unjoni, kif ukoll mal-għanijiet tal-Unjoni tal-enerġija.

66 Għalhekk, mill-punti 56 sa 65 iktar 'il fuq jirriżulta li, bejn l-2009 u l-2015, diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni kienu ħadu pożizzjoni favur applikazzjoni tar-regoli li jirregolaw is-suq intern tal-enerġija għall-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz.

67 It-tieni nett, u f'dan il-kuntest, diversi Stati Membri, il-Parlament u l-Kummissjoni esprimew b'mod ċar ir-rieda tagħhom li l-pipeline Nord Stream 2 ikun suġġett għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 meta jkunu saru jafu bl-eżistenza ta' dan il-proġett.

68 Fil-fatt, il-provi prodotti b'mod partikolari mir-rikorrenti juru li, f'Novembru 2015, imbagħad f'Marzu 2016, diversi Stati Membri bagħtu żewġ ittri lill-Kummissjoni li fihom esprimew tħassib fir-rigward tal-proġett ta' pipeline tar-rikorrenti u talbu lill-Kummissjoni tieħu azzjoni sabiex, essenzjalment, tissuġġetta dan il-pipeline futur għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

69 Fil-15 ta' Diċembru 2015, il-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Enerġija, bi tweġiba għal mistoqsija parlamentari, spjega li l-proġett tar-rikorrenti għandu jkun kompletament konformi mad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Huwa żied jgħid li l-Unjoni se tappoġġja biss proġetti infrastrutturali li jkunu konformi mal-prinċipji fundamentali tal-Unjoni tal-enerġija. Dan l-istess membru pprovda tweġiba simili għal mistoqsija parlamentari oħra fil-21 ta' Jannar 2016.

70 Fil-15 ta' Diċembru 2015, il-Parlament adotta r-riżoluzzjoni msemmija fil-punt 64 iktar 'il fuq li minnha jirriżulta speċifikament li din l-istituzzjoni xtaqet li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat għall-pipeline Nord Stream 2.

71 Waqt konferenza li nżammet fil-Parlament fis-6 ta' April 2016 u li kellha bħala suġġett "Nord Stream II – Energy Union at the crossroads" (Nord Stream 2 – L-Unjoni tal-Enerġija f'salib it-toroq), il-Viċi President tal-Kummissjoni ddikjara li l-kostruzzjoni ta' proġett ta' infrastruttura daqstant importanti bħall-pipeline Nord Stream 2 ma setgħetx issir f'lakuna legali u lanqas ma setgħet tiġi operata esklużivament skont id-dritt Russu. F'dan ir-rigward, huwa ppreċiża li, jekk kellu jinbena, il-pipeline Nord Stream 2 kellu jiġi operat f'qafas legali li jieħu debitament inkunsiderazzjoni l-prinċipji ewlenin tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni.

72 Elementi oħra mill-proċess juru li, fil-bidu tas-sena 2017, diversi Membri tal-Parlament Ewropew talbu lill-Kummissjoni tieħu miżuri urġenti fir-rigward tal-proġett tar-rikorrenti. Fl-istess żmien, żewġ Stati Membri talbu lill-Kummissjoni taġixxi qabel ma tagħti lir-rikorrenti l-awtorizzazzjonijiet li hija kienet talbet fir-rigward tar-rotta tal-pipeline Nord Stream 2 fil-Baħar Baltiku, skont l-Artikolu 79 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, iffirmata f'Montego Bay fl-10 ta' Diċembru 1982.

73 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ddeċidiet li tinvesti f'kuntest ikkaratterizzat għal żmien twil minn rieda soda u kontinwa, b'mod partikolari ta' diversi Stati Membri, tal-Parlament u tal-Kummissjoni, li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'mod ġenerali, u l-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari, ikunu suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

74 Għalhekk, fil-mument li fih ir-rikorrenti ssostni li ħadet id-deċiżjoni tagħha li tinvesti, hija ma kellha ebda assigurazzjoni li d-dritt tal-Unjoni kien ser jibqa' mhux applikat għall-pipeline Nord Stream 2.

75 Għall-kuntrarju, kien prevedibbli li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kienu ser jużaw is-setgħat li huma kellhom sabiex jiżguraw ruħhom li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'mod ġenerali, u l-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari, jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73.

2) Fuq il-kontinwazzjoni tal-investimenti

76 Ir-rikorrenti kompliet l-investimenti tagħha wara li l-possibbiltà li l-pipeline Nord Stream 2 ikun suġġett għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 ġiet ikkonkretizzata permezz ta' proposti ppreżentati mill-Kummissjoni.

77 Fil-fatt, fi tmiem ix-xahar ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni fakkret li l-pipeline Nord Stream 2 kien iqajjem diffikultajiet u ħabbret li kienet qiegħda tfassal abbozz ta' mandat għall-attenzjoni tal-Kunsill bl-għan li tiġi awtorizzata tinnegozja mal-Federazzjoni Russa dwar l-operat ta' dan il-pipeline.

78 Għalhekk, fid-9 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni ħabbret pubblikament, permezz ta' stqarrija għall-istampa, li hija kienet talbet mandat min-naħa tal-Istati Membri sabiex tinnegozja ftehim dwar il-pipeline Nord Stream 2 mal-Federazzjoni Russa. Din it-talba ħadet il-forma ta' rakkomandazzjoni adottata mill-Kummissjoni fl-istess jum għall-attenzjoni tal-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Federazzjoni Russa dwar l-operat tal-pipeline Nord Stream 2 (iktar 'il quddiem it-"talba għal mandat").

79 Hekk kif jirriżulta mill-istqarrija għall-istampa tagħha, il-Kummissjoni, fit-talba tagħha għal mandat, spjegat li l-proġett Nord Stream 2 ma kienx jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija minħabba, minn naħa, li dan seta' jiffaċilita l-espansjoni tal-pożizzjoni ta' Gazprom fis-swieq prinċipali tal-gass tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li kien ser iqiegħed inkwistjoni l-mezzi ta' trasport eżistenti.

80 Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni talbet lill-Kunsill sabiex jagħtiha mandat sabiex tinnegozja ftehim internazzjonali li jieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipji fundamentali li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija u, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' trasparenza fl-operat, fl-iffissar ta' tariffi nondiskriminatorji, f'livell xieraq ta' aċċess nondiskriminatorju għal terzi u f'livell ta' separazzjoni bejn l-attivitajiet ta' provvista u ta' trasport.

81 F'Awwissu 2017, il-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Enerġija fakkar, bi tweġiba għal mistoqsija parlamentari, ir-rieda tal-Kummissjoni li l-pipeline Nord Stream 2 ma jkunx suġġett biss għad-dritt tal-pajjiż ta' provenjenza tiegħu, iżda wkoll għad-dritt tal-Unjoni.

82 Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal direttiva. Din il-proposta kienet diġà tipprevedi l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għal pipelines, bħal dak tar-rikorrenti, kif ukoll possibbiltà li tinkiseb deroga għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li tlestew qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-direttiva futura. Is-sustanza ta' din il-proposta kienet tħabbret f'Settembru 2017. Barra minn hekk, f'Ottubru 2017, rappreżentant tal-Kummissjoni kien ippreċiża li, fil-fehma tiegħu, din il-proposta kienet ser tiġi ppreżentata f'Novembru 2017, li kienet ser issegwi proċedura "fast-track" u li kienet ser tidħol fis-seħħ mhux iktar tard minn tmiem is-sena 2018 jekk l-emendi proposti kienu aċċettati.

83 Minn dan isegwi li, fid-data tat-talba għal mandat, u sussegwentement fid-data tal-proposta għal direttiva, il-possibbiltà li r-rikorrenti tkun suġġetta għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 ikkonkretizzat ruħha u li hija setgħet tistenna li l-imsemmija obbligi japplikaw fi żmien qasir għall-pipeline Nord Stream 2. Għalhekk, abbażi tal-elementi li kienu għad-dispożizzjoni tagħha, ir-rikorrenti kienet f'pożizzjoni li tipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni ta' natura li taffettwa l-interessi tagħha.

84 Issa, ir-rikorrenti ma turix li ma kienx possibbli għaliha li tadatta ruħha sabiex tkun tista' tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat, meta d-Direttiva kkontestata tidħol fis-seħħ.

85 Fil-fatt, minn naħa, ir-rikorrenti ma ssostnix li, fid-data tat-talba għal mandat indirizzata mill-Kummissjoni lill-Kunsill u, l-iktar tard, fid-data tal-proposta għal direttiva, hija pprovat tinterrompi jew tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kuntratti li hija kienet preċedentement ikkonkludiet jew ipprovat tinnegozjahom mill-ġdid.

86 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma turix li, f'dawn l-istess dati, ma kienx possibbli għaliha li tinterrompi jew li tissospendi l-proġett tagħha u, b'mod iktar ġenerali, li l-investimenti tagħha kienu saru irriversibbli.

87 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tosserva li r-rikorrenti ma pproduċietx il-kuntratti ta' xiri tal-pajpijiet, il-kuntratt relatat mal-kisi bil-konkrit tqil tal-pajpijiet u l-kuntratt ta' tqegħid tal-pajpijiet, li hija tispjega li kkonkludiet rispettivament fis-6 ta' April 2016, fis-6 ta' Settembru 2016 u fis-6 ta' April 2017. Żewġ annessi prodotti mir-rikorrenti jikkonfermaw biss li [*kunfidenzjali*].

88 Barra minn hekk, hekk kif dan jirriżulta minn deċiżjoni tal-Bundesnetzagentur (l-Aġenzija Federali tan-Networks, il-Ġermanja) tat-22 ta' Frar 2009 dwar talba għal eżenzjoni skont id-dispożizzjoni tad-dritt Ġermaniż li ttrasponiet l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73 (BK7–08–009), il-konklużjoni ta' kuntratt ta' xiri ta' pajpijiet għal ammont għoli ma turix neċessarjament l-eżistenza ta' deċiżjoni definittiva ta' investiment u li sar investiment irriversibbli fid-data tal-konklużjoni ta' tali kuntratt, b'mod partikolari minħabba li dawn il-pajpijiet jistgħu jerġgħu jinbiegħu mill-ġdid.

89 B'hekk, ir-rikorrenti ma turix li, fid-data tat-talba għal mandat indirizzata mill-Kummissjoni lill-Kunsill u, l-iktar tard, fid-data tal-proposta għal direttiva, l-investimenti marbuta mal-kuntratti msemmija fil-punt 87 iktar 'il fuq kienu saru irriversibbli.

90 Fir-rigward tal-ftehim ta' trasport tal-gass li r-rikorrenti kkonkludiet fit-23 ta' April 2017, għandu jiġi enfasizzat li dan il-ftehim, li jirrigwarda l-operat futur tal-pipeline Nord Stream 2, ma jipprovdi ebda informazzjoni dwar il-kronoloġija u l-portata tal-investimenti mwettqa mir-rikorrenti. Barra

minn hekk, dan il-ftehim ġie konkluż f'data li fiha l-Kummissjoni kienet diġà ħabbret li kienet qiegħda tipprepara talba għal mandat (ara l-punt 77 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma turix, permezz ta' riferimenti preċiżi fl-estratti biss ta' dan il-ftehim li hija pproduċiet fl-anness tar-rikors, li ma kienx possibbli għaliha li tinterrompi jew tissospendi l-eżekuzzjoni tiegħu jew li tinnegozja mill-ġdid it-termini tiegħu ftit ġimgħat wara l-iffirmar tiegħu, jiġifieri wara li l-Kummissjoni effettivament ippreżentat it-talba tagħha għal mandat, fid-9 ta' Ġunju 2017. Barra minn hekk, peress li dan il-ftehim kien ġie ffirmat ma' Gazprom Export LLC, jiġifieri kumpannija rregolata mid-dritt Russu li kienet 100 % sussidjarja tal-azzjonist uniku tar-rikorrenti, il-possibbiltà li dan il-ftehim jiġi nnegozjat mill-ġdid fid-data tat-talba għal mandat u fid-data tal-proposta għal direttiva ma setgħetx tiġi eskluża.

91 Fir-rigward tal-ftehimiet ta' finanzjament konklużi mir-rikorrenti f'April u f'Ġunju 2017, dawn lanqas ma jipprovdu informazzjoni dwar il-kronoloġija u l-portata tal-investimenti li hija wettqet. Barra minn hekk, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-rikorrenti u l-estratti minn dawn il-ftehimiet prodotti minn din tal-aħħar ma jippermettux li tiġi evalwata bil-preċiżjoni meħtieġa d-data li fiha huma effettivament daħlu fis-seħħ. Barra minn hekk, dawn il-ftehimiet kienu ġew iffirmati f'data li fiha l-Kummissjoni kienet diġà ħabbret, f'Marzu 2017, li hija kienet qed tfassal abbozz ta' mandat għal negozjar sabiex tikkonkludi ftehim mal-Federazzjoni Russa u ftit ġimgħat jew, fir-rigward tal-ftehim ta' Ġunju 2017, ftit jiem qabel ma t-talba għal mandat kienet ġiet effettivament indirizzata lill-Kunsill. Fl-aħħar nett, u b'mod iktar ġenerali, l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali ma jurux li kien impossibbli għaliha li tinnegozja mill-ġdid dawn il-ftehimiet fid-data tat-talba għal mandat u, l-iktar tard, fid-data tal-proposta għal direttiva. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-finanzjamenti ggarantiti minn dawn il-ftehimiet kienu, nofshom, ipprovduti mill-azzjonist uniku tagħha, PJSC Gazprom.

92 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma turix li ċ-ċirkustanza li skontha hija ma setgħetx tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat, fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata huwa l-konsegwenza diretta ta' bidla imprevedibbli tal-leġiżlazzjoni u li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tadatta ruħha fil-ħin għal tali sitwazzjoni.

93 Għall-kuntrarju, l-elementi għad-dispożizzjoni tal-Qorti Ġenerali iktar juru li r-rikorrenti wettqet u kompliet l-investimenti tagħha mingħajr interruzzjoni minkejja l-fatt li hija setgħet raġonevolment tipprevedi applikazzjoni futura tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, inkluż il-pipeline Nord Stream 2.

94 Fid-dawl tal-kuntest madwar l-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata u, b'mod partikolari, tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti qabel l-adozzjoni tagħha, iċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti ma setgħetx tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat, fid-data tal-adozzjoni ta' din id-direttiva ma kienx jobbliga lil-leġiżlatur tal-Unjoni jadatta l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49a għas-sitwazzjoni partikolari ta' din tal-aħħar sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' ċertezza legali.

b) Fuq iċ-ċirkustanza li skontha li r-rikorrenti ma tistax tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a

95 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-kriterju tat-tlestija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, li l-osservanza tiegħu kienet tikkundizzjona l-possibbiltà li tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a, kien diġà jinsab fil-proposta għal direttiva u r-rikorrenti kienet fil-pożizzjoni li tipprevedi li l-pipeline Nord Stream 2 ma kienx ser jitlesta fid-data tal-adozzjoni u tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva.

96 F'dan ir-rigward, mill-elementi tal-proċess jirriżulta li, fid-data tal-proposta għal direttiva, fit-8 ta' Novembru 2017, il-kostruzzjoni nnifisha tal-pipeline Nord Stream 2, jiġifieri, b'mod partikolari, it-tqegħid tal-pajpijiet fil-qiegħ tal-Baħar Baltiku, kienet għadha ma bdietx.

97 Fil-fatt, ir-rikorrenti kisbet, min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi, id-diversi awtorizzazzjonijiet neċessarji sabiex tinstalla u topera l-infrastruttura tagħha fil-baħar territorjali u fiż-żona ekonomika esklużiva (ŻEE) tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja biss bejn it-2 ta' Novembru 2017 u s-27 ta' Marzu 2018.

98 Barra minn hekk, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni sabiex jitqiegħdu l-pajpijiet u jinbena t-terminal tal-wasla fiż-żona li taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' dan l-Istat Membru bdew biss fi Frar 2018 u tkomplew fil-baħar territorjali u fiż-ŻEE Ġermaniża biss minn nofs l-2018.

99 Barra minn hekk, l-awtorizzazzjonijiet neċessarji min-naħa tal-awtoritajiet Russi, Finlandiżi u Svediżi, ikkonċernati mir-rotta tal-pipeline Nord Stream 2, inħarġu biss bejn il-5 ta' April 2018 u l-14 ta' Awwissu 2018.

100 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, jiġifieri fis-17 ta' April 2019, parti kbira minn kull waħda miż-żewġ linji, li jifformaw il-pipeline Nord Stream 2, kienet għadha ma tqegħditx f'qiegħ il-baħar, kif juru ċ-ċifri, espressi f'kilometri, imressqa mir-rikorrenti. B'mod partikolari, fid-data tal-adozzjoni u fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, ir-rikorrenti kienet għadha qed tistenna l-awtorizzazzjoni relatata ma' 147 km ta' linji li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet Daniżi. Din l-awtorizzazzjoni finalment ingħatat fit-30 ta' Ottubru 2019 u saret definittiva fit-28 ta' Novembru 2019. Fid-data tal-adozzjoni u fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, il-pajpijiet għalhekk kienu għadhom ma tqiegħdux fl-ilmijiet Daniżi. F'dawn l-istess dati, mhux it-taqsimiet kollha tal-pajpijiet diġà mqiegħda f'qiegħ il-baħar kienu konnessi bejniethom permezz tal-proċess imsejjaħ "above water tie-in", tal-inqas fil-baħar territorjali u fiż-ŻEE tal-Ġermanja u fl-ibħra Russi.

101 Konsegwentement, ir-rikorrenti kienet f'pożizzjoni li tipprevedi li, jekk il-proposta tal-Kummissjoni li tiddaħħal deroga għall-pipelines mitmuma qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata kienet segwita mil-leġiżlatur tal-Unjoni, hija ma tkunx f'pożizzjoni li tibbenefika minnha fid-data ta' dan id-dħul fis-seħħ.

102 Fit-tieni lok, iċ-ċirkustanza li skontha, fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, ir-rikorrenti ma setgħetx tibbenefika minn deroga skont l-Artikolu 49a ma kienx biss prevedibbli minn din tal-aħħar, iżda jirriżulta wkoll mill-applikazzjoni ta' kriterju konformi mal-prinċipju ta' ċertezza legali u mal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

103 Fil-fatt, il-kriterju tat-tlestija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata huwa ċar, preċiż u oġġettiv.

104 F'dan ir-rigward, dan il-kriterju jirrifletti l-prinċipju li dispożizzjoni legali ġdida tapplika mid-dħul fis-seħħ tal-att li joħloqha. Għalkemm hija ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li nħolqu u ġew definittivament konklużi taħt il-liġi l-qadima, hija tapplika għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot taħt ir-regola l-qadima, kif ukoll għas-sitwazzjonijiet legali ġodda. Ikun mod ieħor, u bla ħsara għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività ta' atti legali, biss jekk ir-regola l-ġdida tkun akkumpanjata b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni *ratione temporis* tagħha (ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Volvo u DAF Trucks, C-267/20, EU:C:2022:494, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

105 L-approċċ li jikkonsisti fl-adozzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ ta' att sabiex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' dispożizzjoni fil-qasam tal-gass kien barra minn hekk diġà ġie segwit mid-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230). Fil-fatt, il-punt 33 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/55 kien jiddefinixxi "infrastruttura ġdida" bħala infrastruttura li ma kinitx tlestiet fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva. Infrastruttura ġdida setgħet tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 22 ta' din l-istess direttiva, li sar l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73.

106 Il-kriterju oġġettiv tat-tlestija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva juri li l-leġiżlatur ħa inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-pipelines li tlestew billi ppermetta lil dawn il-pipelines li jitolbu li jibbenefikaw mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a.

107 Fir-rigward tas-sitwazzjoni partikolari tal-pipeline Nord Stream 2, mill-punt 100 iktar 'il fuq jirriżulta li dan kien għadu qiegħed jinbena fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata u għalhekk li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti ma kinitx definittivament konkluża f'din id-data, fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 104 iktar 'il fuq.

108 Barra minn hekk, ir-rikorrenti mhux biss kienet f'pożizzjoni li tipprevedi li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, iżda hija kellha wkoll terminu addizzjonali sabiex tbiddel il-modalitajiet previsti ta' operat tal-pipeline Nord Stream 2 peress li t-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva kien ġie ffissat sa mhux iktar tard mill-24 ta' Frar 2020, jiġifieri għaxar xhur wara l-adozzjoni tagħha.

109 F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li ċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti ma tistax tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a ma jipprekludihiex milli topera l-pipeline Nord Stream 2 b'mod ekonomikament aċċettabbli u milli tikseb rendiment xieraq tal-investimenti tagħha, hekk kif dan jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 13(1)(a) tad-Direttiva 2009/73 u mill-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU 2009, L 211, p. 36, rettifiki fil-ĠU 2009, L 229, p. 29 u fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

110 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma wrietx li l-leġiżlatur kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-korollarju tiegħu, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, meta sostna, fl-Artikolu 49a, li huma biss il-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019 li setgħu jibbenefikaw minn deroga skont din id-dispożizzjoni.

111 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, iċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti la setgħet tibbenefika minn eżenzjoni taħt l-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas minn deroga taħt l-Artikolu 49a fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata ma jistax juri li l-leġiżlatur kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-korollarju tiegħu, jiġifieri l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

112 Għalhekk it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

3. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

113 Il-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza fit-trattament, inkwantu prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

114 Għandhom jiġu eżaminati suċċessivament l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq l-eżistenza ta' trattament differenzjat ta' sitwazzjonijiet komparabbli u dawk ibbażati fuq l-assenza ta' ġustifikazzjoni oġġettiva.

a) Fuq l-allegat trattament differenzjat ta' sitwazzjonijiet komparabbli

115 Ir-rikorrenti ssostni li l-pipeline Nord Stream 2 jinsab b'mod ċar f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore u li tlestew qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49a.

116 Fil-fatt, l-ewwel nett, il-pipeline Nord Stream 2 u l-pipelines li tlestew huma kollha "pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz" fis-sens tal-punt 17 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73, kif emendata, u jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, minħabba li huma "interkonnetturi".

117 It-tieni nett, il-pipeline Nord Stream 2 u l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore u li tlestew huma kollha pipelines li għalihom l-Artikolu 36, kif emendat, ma jistax japplika oġġettivament u li fir-rigward tagħhom dan l-artikolu ma jistax jissodisfa r-rwol tiegħu li jikkonsisti li jipprovdi ċertezza "qabel" l-investiment. Għall-pipeline Nord Stream 2 u għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li jinsabu fil-baħar u li tlestew, l-investiment imwettaq huwa irriversibbli u ma jistax jiġi abbandunat bl-istess mod bħall-pipelines li jinsabu fil-fażi ta' ppjanar. F'dan ir-rigward, kważi l-investimenti kollha fil-pipeline Nord Stream 2 kienu diġà seħħew u dan il-pipeline huwa kważi lest. Għalhekk, il-pipeline Nord Stream 2 u l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore u li tlestew jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 49a li huwa li jippermetti l-irkupru tal-investiment imwettaq.

118 It-tielet nett, l-investimenti fil-pipeline Nord Stream 2 huma bbażati fuq l-istess tip ta' ftehimiet ta' trasport tal-gass fit-tul bħal dawk li fuqhom huma bbażati l-pipelines li huma offshore u li tlestew u li kienu ġew konklużi diversi snin qabel l-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata.

119 Ir-raba' nett, il-fatt li, għall-pipelines lesti u diġà operati, ikun iktar faċli li jiġi evalwat l-effett tagħhom fuq il-funzjonament tas-suq intern, fuq il-kompetizzjoni u fuq is-sigurtà tal-provvista ma jippermettix li jitqies li l-pipeline Nord Stream 2 ma hijiex komparabbli ma' dawn il-pipelines lesti. Fil-fatt, evalwazzjoni simili hija meħtieġa mill-Artikolu 36, kif emendat, għall-pipelines ippjanifikati u din id-dispożizzjoni kienet tat lok għal prassi deċiżjonali.

120 Il-ħames nett, u għall-istess raġuni, ma jkunx possibbli li jiġi sostnut li l-kriterju tad-"deċiżjoni finali ta' investiment" ma huwiex preċiż, b'differenza tal-kriterju tat-"tlestija" li jinsab fl-Artikolu 49a. Fil-fatt, l-Artikolu 36, kif emendat, jippreżupponi li ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni finali ta' investiment.

121 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Polonja u mill-Kummissjoni, jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

122 Il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament minħabba trattament differenzjat jippreżupponi li s-sitwazzjonijiet ikkunsidrati huma komparabbli fir-rigward tal-elementi kollha li jikkaratterizzawhom. L-elementi li jikkaratterizzaw sitwazzjonijiet differenti u għaldaqstant in-natura komparabbli tagħhom għandhom, b'mod partikolari, jiġu stabbiliti u evalwati fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li jifforma parti minnu l-att inkwistjoni (ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punti 25 u 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

123 F'dan il-każ, fir-rigward tal-prinċipji u tal-għanijiet tal-qasam li d-Direttiva kkontestata taqa' taħtu, l-Artikolu 194(1) TFUE jipprevedi li, fil-kuntest tal-istabbiliment jew tal-funzjonament tas-suq intern u filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni r-rekwiżit li jitħares u jittejjeb l-ambjent, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija għandha tkun intiża li tiżgura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija, li tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-energija fl-Unjoni, li tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu tal-enerġija kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli u li tippromwovi l-interkonnessjoni tan-networks tal-enerġija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-346/14, EU:C:2016:322, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

124 Id-Direttiva kkontestata għandha, fl-intier tagħha, l-għan li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz.

125 Hekk kif dan jirriżulta mill-premessa 3 tagħha, l-għan ġenerali mfittex mid-Direttiva kkontestata huwa li jiġu ttrattati l-ostakoli għat-twettiq tas-suq intern li jirriżultaw min-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli tas-suq tal-Unjoni għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz. Din il-premessa tippreċiża li l-bidliet magħmula huma intiżi, l-ewwel nett, sabiex jiġi ggarantit li r-regoli applikabbli għall-pipelines ta' trasport li jgħaqqdu żewġ Stati Membri jew iktar ikunu applikabbli wkoll għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, it-tieni nett, sabiex tiġi stabbilita konsistenza tal-qafas legali filwaqt li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista u, it-tielet nett, sabiex tiżdied it-trasparenza u tiġi offruta ċertezza legali lill-atturi tas-suq, b'mod partikolari l-investituri fl-infrastrutturi u l-utenti tan-network fir-rigward tas-sistema legali applikabbli.

126 Fir-rigward tal-Artikolu 49a, dan għandu l-għan li jippermetti lill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab l-ewwel punt ta' konnessjoni ta' pipeline bejn dan l-Istat Membru u pajjiż terz, li tlesta qabel it-23 ta' Mejju 2019, li jiddeċiedi li jidderoga mill-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73. Din id-deroga għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi, bħall-fatt li l-investiment imwettaq ikun jista' jiġi rkuprat jew għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista, sakemm din id-deroga ma tkunx ta' detriment għall-kompetizzjoni, għall-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass naturali jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni.

127 Hekk kif dan jirriżulta mill-premessa 4 tad-Direttiva kkontestata, l-Artikolu 49a għandu l-għan li jieħu inkunsiderazzjoni l-assenza ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva.

128 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li huwa paċifiku li l-Artikolu 49a jwassal sabiex jiġu ttrattati b'mod differenti, minn naħa, il-pipelines li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019, li jistgħu jitolbu li jibbenefikaw minn deroga abbażi ta' din id-dispożizzjoni, u, min-naħa l-oħra, il-pipelines li ma kinux tlestew f'din id-data u li ma jistgħux jitolbu li jibbenefikaw minn tali deroga.

129 Fl-ewwel lok, għandu jiġi enfasizzat li pipeline lest huwa pipeline li għandu l-karatteristiċi neċessarji kollha sabiex jittrasporta l-gass minħabba li l-kostruzzjoni tiegħu waslet fi tmiemha. Għaldaqstant, pipeline lest jista' jitqiegħed fis-servizz u jiġi operat. Barra minn hekk, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta tagħha għal direttiva, il-Kummissjoni ddeskriviet il-pipelines lesti, koperti mid-deroga li llum hija prevista fl-Artikolu 49a, bħala infrastrutturi eżistenti diġà fis-servizz.

130 B'paragun, pipeline li ma jkunx tlesta ma għandux il-karatteristiċi kollha ta' pipeline u għalhekk ma jkunx jista' jittrasporta l-gass u jiġi operat.

131 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-għan tal-Artikolu 49a, li huwa li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, pipeline li jkun għadu ma tlestiex fit-23 ta' Mejju 2019 ma jinsabx f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik ta' pipeline li kien tlesta f'din id-data.

132 Fil-fatt, pipeline li jkun tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata u li jkun fis-servizz bilfors li jkun ta lok għal investiment minn qabel li ma jkunx iktar possibbli li wieħed jirrinunzja għalih. Barra minn hekk, pipeline li tlesta f'din id-data kien beda jiġi operat fil-kuntest ta' sistema legali li ma kinitx tipprevedi l-applikazzjoni, għas-sitwazzjoni tiegħu, tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 u lanqas il-possibbiltà li wieħed jibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 36, kif emendat, applikabbli għall-infrastrutturi tal-gass ġodda.

133 Min-naħa l-oħra, l-ewwel nett, investitur f'pipeline li ma jkunx tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata jista' jkun għamel spejjeż iktar baxxi jew ikollu iktar possibbiltajiet li jadatta l-investiment tiegħu, li jtemm obbligi kuntrattwali diġà sottoskritti, li jimmodifika l-imsemmija obbligi jew li jbigħ mill-ġdid oġġetti diġà akkwistati għall-kostruzzjoni tal-pipeline tiegħu.

134 Sussegwentement, anki jekk pipeline li ma jkunx tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata ikun ta lok għal investimenti kbar u għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, dawn l-investimenti u dawn ix-xogħlijiet setgħu ġew deċiżi b'għarfien tal-fatti, f'kuntest prevedibbli ta' emenda tal-leġiżlazzjoni applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' tali modifika.

135 F'dan il-każ, b'mod partikolari mill-punti 75, 83, 93 u 101 iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti effettivament iddeċidiet li tinvesti b'għarfien sħiħ tal-fatti, f'kuntest li kien jippermettilha tifhem, anki qabel il-preżentazzjoni tal-proposta għal direttiva mill-Kummissjoni u, l-iktar tard, f'dak il-mument, li l-pipeline Nord Stream 2 huwa suġġett għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

136 Fl-aħħar nett, u b'mod iktar ġenerali, investitur f'pipeline li ma jkunx tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, bħall-pipeline Nord Stream 2, għandu ż-żmien sabiex jadatta ruħu għall-emendi leġiżlattivi previsti minn din tal-aħħar. Il-possibbiltajiet u ż-żmien li investitur f'pipeline li ma jkunx lest ikollu sabiex jadatta ruħu għall-konsegwenzi ta' bidla leġiżlattiva mwettqa permezz ta' direttiva huma iktar u iktar sinjifikattivi peress li minn naħa, dan l-investitur huwa informat, diversi xhur qabel l-adozzjoni tal-att leġiżlattiv inkwistjoni, dwar is-suġġett u l-għan tal-emendi leġiżlattivi previsti u, min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jkollhom terminu sabiex jittrasponu tali emendi fid-dritt intern.

137 Fit-tielet lok, fid-dawl tas-suġġett tal-Artikolu 49a, iżda wkoll tal-iskop u tal-għanijiet tad-Direttiva kkontestata kif ukoll tal-prinċipji u tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija, is-sitwazzjoni ta' pipeline li tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva hija differenti mis-sitwazzjoni ta' pipeline li l-kostruzzjoni tiegħu ma tkunx tlestiet f'din id-data.

138 Fil-fatt, l-effett ta' pipeline li diġà tlesta fuq il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari f'termini ta' effetti fuq il-kompetizzjoni u fuq is-sigurtà tal-provvista, jista' jiġi evalwat *ex post*. Din l-evalwazzjoni *ex post* issir abbażi tal-esperjenza miksuba waqt l-operat tal-pipeline inkwistjoni u abbażi ta' data empirika miksuba fil-kuntest ta' dan l-operat. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-effett ta' pipeline li tlesta fuq is-suq intern hija iktar faċli u għalhekk tista' titwettaq malajr skont proċedura sempliċi, taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri kompetenti biss.

139 Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines li tlestew u diġà operati fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata tippreżenta riskju li tfixkel il-kapaċitajiet u l-flussi tal-provvista u għalhekk li tippreġudika l-kompetizzjoni u s-sigurtà tal-provvista. Dan ir-riskju jiġġustifika wkoll eżami rapidu tas-sitwazzjoni tagħhom fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 49a.

140 Min-naħa l-oħra, fil-preżenza ta' pipeline li ma jkunx tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, bħall-pipeline Nord Stream 2, l-evalwazzjoni tal-effett tiegħu fuq is-suq intern u s-sigurtà tal-provvista tista' tkun prospettiva biss u tkun ibbażata fuq ipoteżijiet. Għalhekk, anki jekk tali evalwazzjoni hija effettivament possibbli, hija teżiġi kunsiderazzjonijiet iktar fil-fond u iktar kumplessi mill-effett tal-operat tal-pipeline futur fuq it-twettiq tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata kollha kemm hi u mill-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija.

141 Barra minn hekk, sa fejn pipeline li ma jkunx tlesta, bħall-pipeline tar-rikorrenti, ma jkunx kapaċi jittrasporta l-gass u jiġi operat, l-applikazzjoni tad-Direttiva kkontestata għal tali kategorija ta' pipelines ma tippreżentax riskju ta' tfixkil tal-flussi tal-provvista, jew saħansitra ta' interruzzjoni tal-provvista.

142 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-pipelines li tlestew fit-23 ta' Mejju 2019, minn naħa, u l-pipelines li ma tlestewx f'din id-data, u b'mod partikolari dawk li qegħdin jinbnew bħall-pipeline Nord Stream 2, min-naħa l-oħra, ma jinsabux f'sitwazzjoni komparabbli fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzawhom.

143 B'hekk, l-Artikolu 49a jwassal sabiex sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod differenti u, b'mod partikolari, sabiex il-pipeline Nord Stream 2 jiġi ttrattat b'mod differenti mill-pipelines li tlestew, peress li l-imsemmi pipeline jinsab, fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, f'sitwazzjoni differenti.

144 Anki jekk jitqies li l-Artikolu 49a jwassal sabiex sitwazzjonijiet komparabbli jiġu ttrattati b'mod differenti, minħabba li r-rikorrenti kienet diġà wettqet investimenti sinjifikattivi bl-għan tal-kostruzzjoni tal-pipeline Nord Stream 2, din id-differenza fit-trattament u l-iżvantaġġ li jirriżulta minnha jkunu, fi kwalunkwe każ, iġġustifikati (ara l-punti 145 *et* seq iktar 'il quddiem).

b) Fuq il-ġustifikazzjoni ta' eventwali trattament differenzjat ta' sitwazzjonijiet komparabbli

145 Ir-rikorrenti ssostni li t-trattament differenzjat tal-pipeline Nord Stream 2 ma huwiex iġġustifikat oġġettivament.

146 Il-fatt li l-pipeline Nord Stream 2 ma tlestiex qabel it-23 ta' Mejju 2019 ma jistax jikkostitwixxi ġustifikazzjoni oġġettiva għat-trattament iddifferenzjat ta' dan il-pipeline. Fil-fatt, tali ġustifikazzjoni hija inkompatibbli mal-iskop speċifiku tal-Artikolu 49a. Dan l-iskop jikkonċerna r-riskji ta' investiment li kienu diġà ttieħdu u jikkonsisti f'li jiġi kkompletat l-Artikolu 36, kif emendat, applikabbli għar-riskji ta' investiment li għadhom ma ttieħdux. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tal-Artikolu 49a għall-infrastrutturi "li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019" toħloq lakuna temporali meta mqabbla mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 36, kif emendat.

147 Ir-rikorrenti ssostni li hija kellha l-istess aspettattivi leġittimi bħall-operaturi ta' pipelines diġà fis-servizz minħabba li hija kienet diġà għamlet investimenti sinjifikattivi qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, jiġifieri fit-23 ta' Mejju 2019. Bħall-imsemmija operaturi, hija ħadet deċiżjoni li timplimenta l-proġett tagħha, kienet għamlet investimenti irriversibbli u kkonkludiet il-parti l-kbira tal-arranġamenti kuntrattwali vinkolanti abbażi tas-sitwazzjoni legali li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

148 Barra minn hekk, il-kriterju ta' "tlestija" ma huwiex kriterju oġġettiv. Ir-raġuni li għaliha l-iffissar ta' data ta' skadenza daqstant prekoċi kien neċessarju sabiex l-infrastrutturi li kienu tlestew ma jiltaqgħux ma' sitwazzjoni ta' inċertezza legali ma hijiex ċara. Il-leġiżlatur seta' jistabbilixxi data ta' skadenza iktar remota mingħajr ma tiġi affettwata s-sitwazzjoni tal-infrastrutturi li kienu tlestew. Ir-rikorrenti tenfasizza li, matul il-proċedura leġiżlattiva, applikazzjoni tal-Artikolu 49a għall-pipelines li għalihom ix-xogħlijiet kienu nbdew qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata kienet ġiet proposta bħala alternattiva għall-għażla li finalment kienet ġiet adottata.

149 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika tal-Polonja u mill-Kummissjoni, jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

150 Għandu jitfakkar li differenza fit-trattament hija ġġustifikata meta din tkun ibbażata fuq kriterju oġġettiv u raġonevoli, jiġifieri meta tkun relatata ma' għan legalment ammissibbli mfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, u meta din id-differenza tkun proporzjonata mal-għan imfittex permezz tat-trattament ikkonċernat (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 47).

151 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, l-għan speċifiku tal-Artikolu 49a ma jikkonċernax biss ir-riskji ta' investiment. Fil-fatt, l-Artikolu 49a għandu għan iktar wiesa', li huwa li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' regoli applikabbli għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata. Dan huwa għaliex, skont din id-dispożizzjoni, id-deroga li hija tipprevedi għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet oġġettivi, bħall-fatt li jkun jista' jsir l-irkupru tal-investiment imwettaq jew għal raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista.

152 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li l-kriterju ta' tlestija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata jikkostitwixxi kriterju oġġettiv li jirrifletti l-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni *ratione temporis* ta' att tal-Unjoni (ara l-punt 104 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, dan il-kriterju għandu rabta stretta mal-għan imfittex mill-Artikolu 49a, jiġifieri li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata. Barra minn hekk, dan il-kriterju kien diġà ġie applikat fil-punt 33 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/55 sabiex jiddefinixxi "infrastruttura ġdida" (ara l-punt 105 iktar 'il fuq).

153 Il-kriterju tat-tlestija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata għalhekk jikkostitwixxi kriterju oġġettiv u raġonevoli.

154 Fit-tieni lok, l-eventwali differenza fit-trattament, li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-kriterju tat-tlestija qabel it-23 ta' Mejju 2019, hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' regoli applikabbli għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata.

155 Minn naħa, dan jippermetti faċilment lill-proprjetarji ta' pipelines li jevalwaw jekk il-pipeline tagħhom jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 49a.

156 Min-naħa l-oħra, dan il-kriterju jista' faċilment jiġi implimentat mill-Istati Membri sabiex jiġi evalwat malajr jekk talba għal deroga hijiex effettivament ippreżentata fir-rigward ta' pipeline li jidħol jew le fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49a. Fi kliem ieħor, dan il-kriterju jippermetti li jiġu identifikati faċilment il-pipelines li għalihom tista' tkun neċessarja flessibbiltà fir-rigward, minn naħa, tal-prinċipju ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi tal-proprjetarju tagħhom u, min-naħa l-oħra, tar-riskji ta' tfixkil tal-provvista li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 tista'tikkawża għal dawn il-pajpijiet tal-gass, li jkunu diġà fis-servizz.

157 Fit-tielet lok, l-eventwali differenza fit-trattament li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-kriterju tat-tlestija qabel it-23 ta' Mejju 2019 ma taqbiżx il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għan imfittex mill-Artikolu 49a.

158 Fil-fatt, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-għan imfittex mill-Artikolu 49a seta' jitwettaq billi tinfetaħ id-deroga prevista minn din id-dispożizzjoni għall-pipelines li għalihom ix-xogħlijiet kienu qabel it-23 ta' Mejju 2019 jew li kienu diġà taw lok għal deċiżjoni finali ta' investiment qabel din id-data.

159 F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-kriterji msemmija mir-rikorrenti ppermettew ukoll lill-pipelines li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019 li jitolbu li tinkiseb deroga abbażi tal-Artikolu 49a.

160 Madankollu, qabelxejn, dawn il-kriterji ma kellhomx l-istess livell ta' preċiżjoni, peress li l-kunċetti ta' "bidu tax-xogħlijiet" u ta' "deċiżjoni finali ta' investiment" setgħu jagħtu lok għal xogħol kumpless ta' interpretazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk pipeline jidħolx jew le fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 49a.

161 Sussegwentement, dawn il-kriterji wasslu sabiex jiddaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 49a pipelines li kienu għadhom ma ġewx operati. L-evalwazzjoni tal-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 49a għalhekk ma setgħetx issir faċilment

mill-Istati Membri minkejja l-fatt li l-proċedura stabbilita minn din id-dispożizzjoni kienet preċiżament ġiet maħsuba bħala proċedura sempliċi li kellha tiġi implimentata malajr mill-Istati Membri u li ma kellhiex tagħti lok għal analiżijiet prospettivi u kumplessi.

162 Fl-aħħar nett, b'differenza mill-kriterju tat-tlestija qabel it-23 ta' Mejju 2019, il-kriterji msemmija mir-rikorrenti kellhom l-effett li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49a għal pipelines, bħall-pipeline Nord Stream 2, li kienu taw lok għal investimenti u għal bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'mument li fih l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għal pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz kienet prevedibbli.

163 Fir-rigward tar-restrizzjonijiet sostnuti mill-investituri f'pipelines li ma kinux tlestew, b'mod ġenerali, u mir-rikorrenti, b'mod partikolari, għandu jiġi enfasizzat li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 ma tipprekludix lill-investituri fil-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz milli joperaw il-pipeline tagħhom b'mod ekonomikament aċċettabbli u milli jiksbu rendiment xieraq fuq l-investimenti tagħhom (ara l-punt 109 iktar 'il fuq).

164 Barra minn hekk din l-evalwazzjoni hija kkonfermata mid-diversi eżempji, imsemmija mill-Kummissjoni, ta' pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li kienu diġà suġġetti, xi drabi għal diversi snin, għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata.

165 Għaldaqstant, l-importanza tal-għan li kien jikkonsisti li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza prevedibbli ta' regoli applikabbli għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019 kienet tiġġustifika r-restrizzjonijiet sostnuti mill-investituri fil-pipelines li ma tlestewx f'din id-data, bħar-rikorrenti.

166 Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta, essenzjalment, mill-punti 261 sa 263 iktar 'il quddiem, ir-rikorrenti ma turix li r-restrizzjonijiet li hija ssostni minħabba l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipeline Nord Stream 2 huma manifestament mhux xierqa fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata.

167 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-rikorrenti ma turix li l-għażla mwettqa mil-leġiżlatur fl-Artikolu 49a, li tikkonsisti fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista minn din id-dispożizzjoni permezz tal-kriterju tat-tlestija qabel it-23 ta' Mejju 2019, hija manifestament mhux xierqa u li eventwali differenza fit-trattament ma hijiex iġġustifikata.

168 Għalhekk l-ewwel motiv huwa miċħud.

4. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

169 Fl-ewwel lok, fir-rikors, ir-rikorrenti ssostni li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore ma hijiex proporzjonata mal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata jew mid-Direttiva 2009/73.

170 L-appellanti tenfasizza wkoll li, jekk l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz kienet tikkostitwixxi soluzzjoni għal problema reali, dawn l-obbligi għandhom japplikaw bl-istess mod għall-pipelines kollha bejn Stat Membru

u pajjiż terz. Issa, ir-rikorrenti ssostni li l-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 japplikaw biss għal frazzjoni tal-kapaċità ta' importazzjoni tal-pajjiżi terzi, jiġifieri l-kapaċità tal-pipeline Nord Stream 2, u mhux għall-kapaċità tal-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz.

171 Fit-tieni lok, fir-replika, ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, li ma huwiex ipprovat li l-fatt li taqsima żgħira ta' pipeline wieħed provenjenti minn pajjiż terz, jiġifieri l-pipeline Nord Stream 2, tiġi suġġetta għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata.

172 It-tieni nett, ir-rikorrenti tenfasizza li l-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 japplikaw biss għal frazzjoni tal-kapaċità ta' importazzjoni tal-pajjiżi terzi, jiġifieri l-kapaċità tal-pipeline Nord Stream 2, u mhux għall-kapaċità tal-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz. Issa, huwa diffiċli li wieħed jara kif l-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi għal parti daqshekk żgħira tal-kapaċità totali tal-pipelines ta' importazzjoni tista' twettaq l-għanijiet tad-Direttiva kkontestata.

173 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li l-elementi kwantitattivi u kwalitattivi tal-għan li jikkonsisti li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista setgħu jiġu ggarantiti anki billi l-pipeline Nord Stream 2 jiddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49a. Fil-fatt, l-eżenzjoni u d-deroga previsti rispettivament fl-Artikolu 36, kif emendat, u fl-Artikolu 49a, li jingħataw b'mod partikolari fir-rigward ta' kundizzjoni marbuta mas-sigurtà tal-provvista, juru li din is-sigurtà ma hijiex żgurata biss bl-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

174 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni, li anki jekk jista' jitqies li d-Direttiva kkontestata tippreżenta vantaġġ marġinali għas-suq intern, li ma huwiex il-każ, dan il-vantaġġ ikun inqas mill-inkonvenjenzi kbar ħafna li din id-direttiva timponi fuq l-Unjoni, fuq l-Istati Membri u fuq il-proprjetarji, bħalha, ta' pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore.

175 Ir-rikorrenti tippreċiża li l-effetti ekonomiċi tad-Direttiva fuq is-sitwazzjoni tagħha huma sinjifikattivi u irraġonevoli minħabba li din id-direttiva ma tippermettilhiex tirkupra l-investimenti mwettqa qabel l-adozzjoni tagħha. Hija ma tkunx tista teżegwixxi legalment aspetti fundamentali tal-ftehim ta' trasport tal-gass li hija kkonkludiet ma' Gazprom, u l-pożizzjoni finanzjarja tagħha tiġi affettwata b'mod negattiv ħafna.

176 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Polonja u mill-Kummissjoni, jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

177 Il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jmorrux lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, Association Kokopelli, C-59/11, EU:C:2012:447, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

178 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li, kif tirrileva r-rikorrenti, l-għan ġenerali previst mid-Direttiva kkontestata huwa effettivament li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern.

179 Madankollu, il-premessa 3 tad-Direttiva kkontestata ssemmi għanijiet iktar preċiżi, li ma humiex limitati sabiex jipprevjenu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista, iżda huma intiżi wkoll, l-ewwel nett, li jiggarantixxu li r-regoli applikabbli

għall-pipelines li jgħaqqdu żewġ Stati Membri jew iktar ikunu applikabbli wkoll għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz u, b'mod iktar ġenerali, li jistabbilixxu konsistenza tal-qafas legali u, it-tieni nett, li joffru ċertezza legali lill-atturi tas-suq.

180 L-għan ġenerali u l-għanijiet iktar speċifiċi mfittxija mid-Direttiva kkontestata jikkostitwixxu, manifestament, għanijiet leġittimi. Barra minn hekk, isir riferiment għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern fl-Artikolu 194 TFUE u għall-għanijiet li jikkonsistu f'li jiġi żgurat li l-funzjonament tas-suq tal-enerġija u tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni jissemmew f'din id-dispożizzjoni.

181 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi evalwat jekk id-Direttiva kkontestata hijiex adatta sabiex twettaq l-għanijiet imfittxija minnha u ma teċċedix il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tagħhom sa fejn il-pipeline Nord Stream 2 huwa l-uniku pipeline bejn Stat Membru u pajjiż terz li la jista' jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a.

a) Fuq il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li twettaq l-għanijiet imfittxija sa fejn ir-rikorrenti la tista' tibbenefika minn eżenzjoni u lanqas minn deroga

182 Fl-ewwel lok, għandha tiġi eżaminata l-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li twettaq l-għanijiet ta' ċertezza legali u ta' konsistenza tal-qafas legali u, fit-tieni lok, il-kapaċità ta' din l-istess direttiva li tipprevjeni d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista.

1) Fuq il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li twettaq l-għanijiet ta' ċertezza legali u ta' konsistenza tal-qafas legali

183 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva kkontestata hija adatta sabiex jintlaħaq l-għan ta' ċertezza legali mfittex minnha.

184 Fil-fatt, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva, il-Kummissjoni spjegat li d-dritt tal-Unjoni ma kienx jiddefinixxi b'mod espliċitu qafas legali għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz.

185 F'dan ir-rigward, l-estensjoni tal-kunċett ta' "interkonnessjoni" għall-pipelines lejn u minn pajjiżi terzi, magħmula mid-Direttiva kkontestata permezz tal-emenda tal-kunċett ta' "interkonnettur" li jinsab fil-punt 17 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73, tiżgura delimitazzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' din l-aħħar direttiva u tipprovdi preċiżazzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħha.

186 Minn naħa, id-Direttiva kkontestata testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għall-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz, inkluż il-pipeline Nord Stream 2, jiġifieri l-pipelines terrestri u l-pipelines offshore li huma eżistenti jew futuri.

187 Min-naħa l-oħra, il-premessa 9 tad-Direttiva kkontestata tippreċiża li, fir-rigward tal-pipelines offshore, id-Direttiva 2009/73 għandha tkun applikabbli fil-baħar territorjali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab l-ewwel punt ta' interkonnessjoni man-network tal-Istati Membri.

188 Għalhekk, id-Direttiva kkontestata għandha b'mod partikolari l-effett li tipprevedi li l-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 japplikaw għat-taqsima tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore u li jaqsmu l-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru, bħat-taqsima tal-pipeline Nord Stream 2 li taqsam l-ilmijiet territorjali Ġermaniżi. Għaldaqstant, id-Direttiva kkontestata tevita, f'dan ir-rigward, lakuna legali.

189 Fit-tieni lok, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għall-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz, bħall-pipeline Nord Stream 2, tiżgura wkoll il-konsistenza tal-qafas legali ġewwa l-Unjoni.

190 L-ewwel nett, kif kienet diġà spjegat, essenzjalment, il-Kummissjoni fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz tiżgura li l-operaturi ta' dawn il-pipelines ikunu suġġetti għall-istess sistema legali bħal atturi oħra fis-suq li għalihom id-Direttiva 2009/73 diġà tapplika b'mod sħiħ, jiġifieri l-operaturi tal-pipelines li jgħaqqdu l-Istati Membri differenti jew l-operaturi ta' network ta' trasport fl-Istati Membri.

191 It-tieni nett, minn naħa, kif spjegat ukoll il-Kummissjoni fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva, il-prinċipji fundamentali tal-qafas regolamentari stabbilit fid-Direttiva 2009/73 huma riflessi f'diversi ftehimiet internazzjonali konklużi bejn Stati Membri u pajjiżi terzi jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u huma sistematikament applikati għall-pipelines terrestri bejn Stat Membru u pajjiż terz.

192 L-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz tikkontribwixxi għalhekk għall-konsistenza tad-dritt applikabbli bejn, minn naħa, il-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li kienu diġà suġġetti għall-imsemmija obbligi skont strumenti legali oħra, bħal ftehimiet internazzjonali, u, min-naħa l-oħra, il-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li ma kinux suġġetti għalihom, bħall-pipeline Nord Stream 2.

193 Min-naħa l-oħra, kif spjegat, essenzjalment, il-Kummissjoni fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 għall-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz tiggarantixxi applikazzjoni uniformi tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 u tevita approċċ frammentat ibbażat fuq miżuri nazzjonali. B'mod partikolari, din l-estensjoni tevita sitwazzjoni fejn interkonnessjoni li taqsam diversi Stati Membri tiġi rregolata minn sistemi nazzjonali differenti u tippermetti wkoll lill-Kummissjoni teżerċita ċertu kontroll tal-osservanza tar-regoli rilevanti.

194 Għaldaqstant, id-Direttiva kkontestata hija adatta sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' ċertezza legali u ta' konsistenza tal-qafas legali li hija essenzjalment issegwi, sa fejn hija testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 u għalhekk tal-obbligi li din l-aħħar direttiva tipprevedi.

195 F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti hija l-unika li ma tistax tibbenefika la minn eżenzjoni taħt l-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas minn deroga skont l-Artikolu 49a, ma jaffettwax il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li tilħaq l-għanijiet li hija tfittex permezz ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73.

2) Fuq il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li tipprevjeni d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista

196 Preliminarjament, fir-rigward tal-problemi f'termini ta' kompetizzjoni u ta' sigurtà tal-provvista li mmotivaw il-proposta għal direttiva, il-Kummissjoni spjegat b'mod partikolari, fl-espożizzjoni tal-motivi ta' din il-proposta, li l-Unjoni tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' gass minn pajjiżi terzi u li huwa fl-interess tal-Unjoni u tal-konsumaturi tal-gass li t-trasparenza u l-kompetittività jkunu wkoll ir-regola għall-pipelines li ġejjin minn dawn il-pajjiżi.

197 Il-Kummissjoni ġġustifikat ukoll l-imsemmija proposta għal direttiva fid-dawl tal-prinċipju ta' sussidjarjetà bil-fatt li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, fil-parti l-kbira tal-każijiet, għandhom kapaċità li jista' jkollha effett fuq is-suq intern tal-gass u fuq is-sigurtà tal-provvista f'diversi Stati Membri.

198 Fid-dokument tax-xogħol li jakkumpanja l-proposta tagħha għal direttiva, il-Kummissjoni ppreċiżat li, fl-2016, 70.4 % tad-domanda għall-gass tal-Unjoni kienet ġiet koperta minn importazzjonijiet u li 87 % minn dawn l-importazzjonijiet kienu twettqu permezz ta' pipelines.

199 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat, fl-ewwel lok, li, irrispettivament mit-tul tat-taqsima tal-pipeline jew tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz koperti mill-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73, l-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, ikkunsidrati flimkien, u għall-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari, hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' twettiq tas-suq intern tal-gass naturali billi jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista.

200 Fil-fatt, id-Direttiva 2009/73 tipprevedi b'mod partikolari, l-ewwel nett, obbligu ta' separazzjoni (unbundling) min-network ta' trasport u tal-operatur tan-network ta' trasport, it-tieni nett, obbligu ta' aċċess ta' terzi għan-network u, it-tielet nett, obbligi oħra li jirrigwardaw b'mod partikolari t-trasparenza tariffarja u mhux tariffarja.

201 L-ewwel nett, fir-rigward tal-obbligu ta' separazzjoni previst fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/73, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet essenzjalment li, f'sitwazzjoni fejn il-gass naturali prodott barra mill-Unjoni minn impriża jiġi ttrasportat ġewwa l-Unjoni permezz ta' network ta' trasport li jappartjeni lill-istess impriża, ir-riskju ta' aġir diskriminatorju fl-operat ta' dan in-network jidher b'mod ċar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Traspożizzjoni tad-Direttivi 2009/72 u 2009/73), C-718/18, EU:C:2021:662, punt 37).

202 F'dan ir-rigward, mill-premessi 6, 8 u 22 tad-Direttiva 2009/73 jirriżulta essenzjalment, li l-obbligu ta' separazzjoni jevita li l-forniturі dominanti tal-gass jikkontrollaw l-infrastruttura ta' trasport u jiffavorixxu għalhekk l-attività ta' provvista tagħhom stess, minn naħa, u li dan l-obbligu jikkostitwixxi mezz effikaċi u stabbli sabiex jiġi solvut il-kunflitt ta' interessi intrinsiku u sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, min-naħa l-oħra.

203 L-adegwatezza tal-obbligu ta' separazzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata hija msaħħa mill-fatt li l-osservanza tal-obbligu ta' separazzjoni għandha tiġi vverifikata fil-kuntest ta' proċedura ta' ċertifikazzjoni tal-operatur tan-network ta' trasport prevista fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2009/73. Il-kisba ta' ċertifikazzjoni tikkundizzjona l-possibbiltà, għall-proprjetarju ta' pipeline bejn Stat Membru u pajjiż terz, li jwettaq tranżazzjonijiet li jirrigwardaw it-trasport tal-gass lejn l-Unjoni.

204 Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/73, l-eżami mwettaq mill-awtorità regolatorja nazzjonali kompetenti fil-kuntest tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni wkoll ir-riskji li l-pipeline ikkonċernat jista' jippreżenta għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni.

205 Skont applikazzjoni konġunta tal-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2009/73, il-proċedura ta' ċertifikazzjoni tista' eventwalment tinfetaħ mill-ġdid fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi ta' separazzjoni jew ta' riskju għas-sigurtà tal-provvista.

206 It-tieni nett, fir-rigward tal-obbligu ta' aċċess ta' terzi previst fl-Artikolu 32, huwa minnu li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz u, b'mod partikolari, il-pipeline Nord Stream 2 ma għandhomx neċessarjament punt ta' interkonnessjoni u li l-eżistenza ta' talba għal aċċess ta' terz tista' tkun biss eventwali.

207 Madankollu, l-obbligu ta' aċċess minn terzi previst fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/73 ikopri t-talbiet għal aċċess eżistenti u futuri u jinkludi żewġ aspetti: l-obbligu li tiġi permessa l-konnessjoni fiżika mal-pipeline u l-obbligu li jiġi permess l-aċċess għal kapaċitajiet ta' trasport taħt kundizzjonijiet ġusti.

208 Minn dan isegwi li t-terzi għandhom id-dritt li jitolbu li jqabbdu jew li jaċċedu għall-kapaċitajiet ta' trasport tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, fir-rigward tat-taqsima ta' dawn il-pipelines li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-dritt tal-Unjoni. Mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) tad-Direttiva 2009/73 jirriżulta li l-kundizzjonijiet għal konnessjoni jew għal aċċess ta' terzi huma oġġettivi, nondiskriminatorji u bbażati fuq tariffi proporzjonati u approvati mill-awtorità regolatorja kompetenti.

209 It-tielet nett, kif irrilevat il-Kummissjoni fid-dokument tax-xogħol li jakkumpanja l-proposta tagħha għal direttiva, l-estensjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz għandha l-effett li tirrendi applikabbli, għal dawn il-pipelines, ir-rekwiżiti ta' trasparenza tariffarja u mhux tariffarja li hija tipprevedi. Dawn ir-rekwiżiti ta' trasparenza jirriżultaw b'mod partikolari mill-Artikolu 41(1)(a) u (7) tal-imsemmija direttiva jew mid-dispożizzjonijiet iktar ġenerali tal-Artikolu 16(3) ta' din l-istess direttiva.

210 F'dan ir-rigward, fid-dokument tax-xogħol li jakkumpanja l-proposta tagħha għal direttiva, il-Kummissjoni spjegat b'mod partikolari li nuqqas ta' trasparenza fl-operat tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz seta' jikkostitwixxi fattur ta' riskju mill-perspettiva tas-sigurtà tal-provvista. Minn dan hija ddeduċiet li kellu jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar l-operat u l-manutenzjoni ta' infrastrutturi sinjifikanti titqiegħed għad-dispożizzjoni tas-suq u tkun tista' tintuża mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni kkonċernati.

211 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 jirrigwardaw il-metodu ta' operat tal-pipelines, il-kapaċità ta' trasport tagħhom jew it-trasparenza tariffarja jew mhux tariffarja fil-kuntest tal-operat tagħhom. Fid-dawl tal-għan ta' dawn l-obbligi, il-fatt li dawn japplikaw biss għal taqsima ta' pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz bl-ebda mod ma jaffettwa l-kapaċità tal-imsemmija obbligi li jipprevjenu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista u għalhekk li jitwettqu l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata, hekk kif il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni spjegaw bi tweġiba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

212 Fit-tieni lok, iċ-ċirkustanza, allegata mir-rikorrenti, li skontha, id-Direttiva kkontestata tapplika biss għal frazzjoni tal-kapaċità ta' importazzjoni tal-pajjiżi terzi, jiġifieri l-kapaċità tal-pipeline Nord Stream 2, ma jistax iqajjem dubju dwar il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li tipprevjeni d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista.

213 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi enfasizzat li l-proġett ta' pipeline Nord Stream 2 tnieda f'kuntest partikolari. Fil-fatt, diversi drabi qabel it-tnedija ta' dan il-proġett, diversi Stati Membri kienu ġew ikkonfrontati b'nuqqasijiet ta' gass minħabba tilwim li kien jinvolvi lill-Federazzjoni Russa. It-tliet rotot prinċipali għall-gass minn dan il-pajjiż terz kienu dak iż-żmien is-sistema ta' tranżitu Ukraina, il-pipeline Nord Stream 1 u l-pipeline Yamal-Europe li jgħaddi mill-Bjelorussja.

214 Barra minn hekk, il-pipeline Nord Stream 2 huwa kronoloġikament it-tieni pipeline offshore li, wara l-pipeline Nord Stream 1, jgħaqqad direttament lir-Russja mal-Ġermanja. Il-pipeline Nord Stream 2 iwassal għalhekk sabiex jirdoppja l-kapaċità tal-gass li jista' jiġi ttrasportat permezz ta' rotta li tinsab biss fil-baħar (ara l-punt 6 iktar 'il fuq). Il-pipelines Nord Stream 1 u Nord Stream 2 għandhom għalhekk il-kapaċità li jittrasportaw iktar minn 80 % tal-gass importat mir-Russja, peress li l-importazzjonijiet ta' gass mir-Russja kienu jirrappreżentaw 42 % tal-importazzjonijiet ġewwa l-Unjoni fl-2016.

215 Minn dan isegwi, qabelxejn, li l-proġett tar-rikorrenti jista' jwassal għal konċentrazzjoni tas-sorsi ta' gass. Fil-fatt, dan għandu l-potenzjal li jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-importazzjonijiet li ġejjin mir-Russja sa fejn jikkontribwixxi għal żieda fil-kapaċitajiet ta' importazzjoni tal-gass provenjenti minn dan il-pajjiż terz. Konsegwentement, dan jista' jiddisswadi l-kostruzzjoni jew l-iżvilupp ta' infrastrutturi li jgħaqqdu lill-Unjoni ma' pajjiżi terzi oħra.

216 Sussegwentement, il-proġett tar-rikorrenti jippreżenta r-riskju li jwassal għal konċentrazzjoni ikbar tal-forniturі tal-gass fl-Unjoni. Fil-fatt, dan il-proġett jista' jsaħħaħ il-pożizzjoni ta' Gazprom fis-swieq bl-ingrossa u bl-imnut tal-Unjoni, bħala operatur vertikalment integrat.

217 F'dan ir-rigward, huwa minnu li r-rikorrenti la hija l-kunsinnatur tal-gass, u lanqas parti fil-kuntratti ta' provvista tal-gass, li jirrigwardaw il-gass ittrasportat mill-pipeline Nord Stream 2. Madankollu, l-kunsinnatur tal-gass u l-firmatarju tal-kuntratti ta' provvista tal-gass huma jew l-azzjonist uniku tiegħu jew sussidjarja tiegħu.

218 Fl-aħħar nett, il-proġett tar-rikorrenti jwassal għal konċentrazzjoni tal-punti ta' dħul tal-gass importat fl-Unjoni u tar-rotot ta' trasport. Fil-fatt, dan il-proġett jista' jwassal għal konċentrazzjoni, fi Stat Membru wieħed, tad-dħul tal-gass li ġej mir-Russja u li jbiddel is-sens taċ-ċirkulazzjoni tal-flussi tal-gass ġewwa l-Unjoni. Dan il-proġett jista' għalhekk iwassal sabiex jiġu eliminati l-pipelines terrestri u r-rotot eżistenti, li huma suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73, favur kuritur irrappreżentat mill-pipelines Nord Stream 1 u Nord Stream 2. Dan ir-riskju huwa iktar u iktar kbir peress li, kif dan jirriżulta mill-atti tal-proċess ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, il-kapaċità tal-pipelines fis-servizz, li kienu diġà jittrasportaw il-gass mir-Russja, ma kinitx kompletament operata.

219 It-tieni nett, id-Direttiva kkontestata tapplika għall-pipelines kollha eżistenti u futuri, terrestri jew offshore.

220 F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li skontha, il-pipelines li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019 jistgħu jitolbu deroga skont l-Artikolu 49a u li skontha l-infrastrutturi tal-gass ġodda jistgħu jitolbu eżenzjoni skont l-Artikolu 36, kif emendat, ma jfissirx li l-imsemmija pipelines jiksbu

awtomatikament deroga jew eżenzjoni. L-eżenzjoni u d-deroga previsti rispettivament fl-Artikolu 36, kif emendat, u fl-Artikolu 49a fil-fatt jingħataw biss wara eżami każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, huma limitati fiż-żmien u jistgħu jkunu suġġetti għall-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet.

221 It-tielet nett, għandu jiġi enfasizzat li d-Direttiva kkontestata ġiet adottata f'kuntest li fih diversi pipelines li tlestew bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'mod partikolari terrestri, kienu diġà suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 permezz ta' strumenti legali oħra, bħal ftehimiet internazzjonali.

222 Għalhekk, anki jekk, fid-data tal-adozzjoni u tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, il-pipeline Nord Stream 2 kien l-uniku li ma setax jibbenefika minn eżenzjoni jew minn deroga, din id-direttiva żżid il-kapaċità ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi koperta mill-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

223 Fl-istess ħin, id-Direttiva kkontestata tiżgura kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti bejn, minn naħa, il-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li kienu diġà suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 u, min-naħa l-oħra, il-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li, bħall-pipeline Nord Stream 2, ser ikunu suġġetti għall-imsemmija obbligi permezz tal-effett tad-Direttiva kkontestata.

224 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'mod ġenerali, u għall-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari, hija adatta għall-prevenzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista.

225 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti l-oħrajn imressqa mir-rikorrenti.

226 Ir-rikorrenti ssostni li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore, u b'mod partikolari għall-pipeline Nord Stream 2, ma tgħinx sabiex jitwettaq suq integrat tal-bejgħ bl-ingrossa tal-gass ġewwa l-Unjoni.

227 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, ċertament, il-pajjiżi terzi kkonċernati ma jfittxux li jintegraw is-swieq tagħhom tal-bejgħ bl-ingrossa ma' xulxin.

228 Madankollu, l-operaturi ta' dawn il-pajjiżi terzi jfittxu li jbigħu l-gass bl-ingrossa tagħhom ġewwa l-Unjoni u li jittrażmettu dan il-gass permezz ta' pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li tal-inqas taqsima minnhom tkun tinsab fit-territorju tal-Unjoni.

229 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li huma offshore u, b'mod partikolari, il-pipeline Nord Stream 2 huma intrinsikament differenti min-networks ta' trasport tal-gass fis-sens tad-Direttiva 2009/73 u għandhom iktar xebh mal-pipelines upstream.

230 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73 jiddefinixxi "upstream pipeline networks" bħala pipeline jew network ta' pipelines operati u/jew mibnija fil-kuntest ta' proġett tal-produzzjoni taż-żejt jew tal-gass, jew użat biex jinġarr il-gass naturali minn proġett wieħed jew aktar għal pjanta tal-ipproċessar jew terminali jew destinazzjoni kostali finali.

231 Issa, minn naħa, ir-rikorrenti ma turix li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, bħall-pipeline Nord Stream 2, huma maħsuba fil-kuntest ta' proġett ta' produzzjoni tal-gass b'mod partikolari jew huma maħsuba sabiex jittrażmettu l-gass naturali minn siti ta' produzzjoni lejn fabbrika jew lejn terminal ta' pproċessar jew lejn destinazzjoni kostali finali.

232 Fir-rigward b'mod partikolari tal-pipeline Nord Stream 2, l-oqsma ta' produzzjoni li jinsabu fir-Russja huma konnessi mal-imsemmi pipeline mhux direttament, iżda biss permezz ta' network ta' trasport tal-gass tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, il-pipeline Nord Stream 2 jorbot in-network ta' trasport Russu man-network ta' trasport ta' Stat Membru u jista' potenzjalment jittrażmetti, mill-punt tat-tluq tiegħu, gass li kien inġabar b'mezzi differenti minn sorsi differenti.

233 Min-naħa l-oħra, id-Direttiva kkontestata hija intiża preċiżament sabiex tirrimedja l-problemi f'termini ta' kompetizzjoni u ta' sigurtà tal-provvista maħluqa mill-fatt li pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, bħall-pipeline Nord Stream 2, huma miżmuma, direttament jew indirettament, minn fornituri ta' gass dominanti u jintużaw biss mill-imsemmija fornituri.

234 Barra minn hekk, id-Direttiva 2009/73 tapplika għall-pipelines upstream li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni u l-Artikolu 34 tagħha jiggarantixxi l-aċċess ta' terzi għal dawn il-pipelines.

235 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma wrietx li d-Direttiva kkontestata u, iktar preċiżament, l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz ma hijiex xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet kollha li hija tfittex (ara l-punti 179 u 180 iktar 'il fuq), sa fejn il-pipeline Nord Stream 2 huwa l-uniku pipeline bejn Stat Membru u pajjiż terz li la jista' jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a.

b) Fuq l-assenza ta' qbiż tal-limiti ta' dak li huwa neċessarju sa fejn ir-rikorrenti la tista' tibbenefika minn eżenzjoni u lanqas minn deroga

236 Għandu jiġi eżaminat, l-ewwel nett, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq in-natura suffiċjenti tal-regolamentazzjoni tal-ewwel punt ta' dħul fl-Unjoni u, it-tieni nett, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq restrizzjonijiet li hija għandha ssostni minħabba li hija la tista' tibbenefika minn eżenzjoni taħt l-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas minn deroga skont l-Artikolu 49a.

1) Fuq l-allegata natura suffiċjenti tar-regolamentazzjoni tal-ewwel punt ta' dħul fl-Unjoni

237 Ir-rikorrenti ssostni li r-regolamentazzjoni tal-punt ta' dħul fin-network ta' trasport tal-gass tal-Unjoni kienet suffiċjenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata.

238 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li dan l-argument huwa bbażat fuq il-premessa, miċħuda fil-punti 229 sa 234 iktar 'il fuq, li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, bħall-pipeline Nord Stream 2, jistgħu jiġu assmilati ma' pipelines upstream.

239 Għalhekk, ir-rikorrenti ma turix li r-regolamentazzjoni fl-ewwel punt ta' dħul fl-Unjoni tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata.

240 Fi kwalunkwe każ, jirriżulta, għall-kuntrarju, mid-Direttiva 2009/73 li l-obbligi li hija tipprevedi ma japplikawx biss għall-punt ta' dħul preċiż f'network ta' trasport, iżda, b'mod iktar ġenerali, għan-networks ta' trasport, għall-operaturi ta' network ta' trasport jew għal-linji ta' trasport.

Barra minn hekk, dawn l-obbligi, applikabbli għat-trasport tal-gass, jagħtu kontribuzzjoni addizzjonali meta mqabbla mar-regolamentazzjoni tal-provvista tal-gass biss, li hija limitata għall-ewwel punt ta' dħul fl-Unjoni.

241 Għalhekk, l-elementi għad-dispożizzjoni tal-Qorti Ġenerali juru li l-r-regolamentazzjoni fl-ewwel punt ta' dħul biss fl-Unjoni ma biddlet xejn mis-sitwazzjoni li kienet tipprevali qabel l-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata u li r-rikorrenti kienet għalhekk f'pożizzjoni li topera l-pipeline Nord Stream 2 u li tittrasporta l-gass ipprovdut mill-azzjonist uniku tagħha mingħajr ma tkun suġġetta għad-dritt tal-Unjoni, li ma huwiex l-għan imfittex minn din id-direttiva.

2) Fuq ir-restrizzjonijiet sostnuti mir-rikorrenti

242 Fl-ewwel lok, huwa minnu li, kif dan jirriżulta mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva u mid-dokument tax-xogħol li jakkumpanja din il-proposta, id-deroga prevista fl-Artikolu 49a tikkontribwixxi għall-proporzjonalità tad-Direttiva kkontestata minħabba li tiggarantixxi flessibbiltà suffiċjenti sabiex jiġi evitat kull effett negattiv tal-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

243 Madankollu, iċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti la tista' tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat, u lanqas mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a ma jippermettix li jiġi konkluż li d-Direttiva kkontestata taqbeż il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet li hija tfittex.

244 Fil-fatt, l-ewwel nett, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija spjegata mill-fatt li hija ddeċidiet li tinvesti u tkompli l-investimenti tagħha fil-pipeline Nord Stream 2 f'kuntest ta' applikazzjoni prevedibbli tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines kollha bejn Stat Membru u pajjiż terz, fosthom il-pipeline Nord Stream 2 (ara l-punti 54 sa 94 iktar 'il fuq).

245 It-tieni nett, iċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti ma tistax tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a ma jwassalx għal differenza fit-trattament mhux iġġustifikata għad-detriment tagħha. Fil-fatt, peress li l-pipeline Nord Stream 2 ma kienx tlesta qabel it-23 ta' Mejju 2019, ir-rikorrenti ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni komparabbli mal-pipelines li kienu tlestew qabel din id-data (ara l-punti 122 sa 143 iktar 'il fuq). Fi kwalunkwe każ, eventwali differenza fit-trattament kienet oġġettivament iġġustifikata fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 49a intiż li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata (ara l-punti 150 sa 168 iktar 'il fuq).

246 Fit-tieni lok, il-fatt li r-rikorrenti ma tistax topera l-pipeline Nord Stream 2 kif hija kienet inizjalment ipprevediet ma jurix li d-Direttiva kkontestata timponilha restrizzjonijiet sproporzjonati.

247 Fil-fatt, l-ewwel nett, id-Direttiva 2009/73 tipprevedi l-għażla bejn tliet mudelli ta' separazzjoni li kollha ġew trasposti fid-dritt Ġermaniż, jiġifieri l-mudell ta' separazzjoni sħiħa tal-istrutturi ta' proprjetà, il-mudell tal-operatur tan-network indipendenti u l-mudell tal-operatur tan-network ta' trasport indipendenti.

248 Għandu jingħad ukoll li l-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata kienet prevedibbli mir-rikorrenti u li l-Istati Membri kellhom l-obbligu li jittrasponu din id-direttiva sa mhux iktar tard mill-24 ta' Frar 2020. Ir-rikorrenti għalhekk kellha terminu pjuttost twil sabiex tipprevedi u tantiċipa l-obbligu ta' ċertifikazzjoni u l-proċedura assoċjata miegħu.

249 It-tieni nett, l-obbligu li jiġi pprovdut aċċess għall-pipeline Nord Stream 2 lil terzi jipprekludi, ċertament, lir-rikorrenti milli tirriżerva 100 % tal-kapaċità ta' trasport ta' dan il-pipeline fit-tul għall-benefiċċju ta' sussidjarja tal-azzjonist uniku tagħha.

250 Madankollu, mill-estratti tal-ftehim ta' trasport tal-gass prodotti mir-rikorrenti ma jirriżultax li dan il-ftehim kien jipprevedi reżervazzjoni ta' kapaċità ta' 100 %. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti tirrikonoxxi li, anki jekk l-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 huma applikabbli għaliha, hija tibqa' fid-dritt li tirriżerva 80 % tal-kapaċità tal-pipeline Nord Stream 2 għal tul massimu ta' ħmistax-il sena.

251 It-tielet nett, fir-rigward tal-effett tal-leġiżlazzjoni tariffarja fuq is-sitwazzjoni tagħha, l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq l-ipoteżi, mhux ipprovata, iżda ta' benefiċċju għal terzi, li l-Aġenzija Federali tan-Networks (Bundesnetzagentur) ser tapprova tariffi kunsiderevolment iktar baxxi mit-tariffa miftiehma fil-ftehim ta' trasport tal-gass.

252 Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tariffarja prevista mid-Direttiva 2009/73 ma tipprekludix lir-rikorrenti milli topera l-pipeline Nord Stream 2 b'mod ekonomikament aċċettabbli u milli tikseb rendiment xieraq mill-investimenti tagħha (ara l-punt 109 iktar 'il fuq).

253 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti ssostni li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 ser ikollha konsegwenzi kunsiderevoli fuq is-sitwazzjoni tagħha minħabba l-istipulazzjonijiet tal-ftehim ta' trasport tal-gass u tal-ftehimiet ta' finanzjament li hija kkonkludiet qabel l-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata.

254 Madankollu, ir-rikorrenti kkonkludiet il-ftehim ta' trasport tal-gass ma' sussidjarja tal-azzjonist uniku tagħha u hija ma turix li huwa impossibbli għaliha li tinnegozja mill-ġdid dan il-ftehim.

255 Fir-rigward tal-ftehimiet ta' finanzjament, dawn huma, ċertament, marbuta mill-qrib mal-ftehim dwar it-trasport tal-gass. Madankollu, il-finanzjamenti ggarantiti minn dawn il-ftehimiet ta' finanzjament kienu, bin-nofs, ipprovduti mill-azzjonist uniku tar-rikorrenti.

256 Il-ħames nett, ir-rikorrenti ma wrietx il-konsegwenzi finanzjarji marbuta mal-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipeline Nord Stream 2.

257 F'dan ir-rigward, peress li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipeline Nord Stream 2 ma tipprekludix lir-rikorrenti milli topera dan il-pipeline b'mod ekonomikament aċċettabbli u milli tikseb rendiment xieraq mill-investimenti tagħha, iċ-ċifri mressqa minn din tal-aħħar fir-rigward tal-portata tal-investimenti tagħha fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata jew iċ-ċifra ta' EUR 8 biljun mogħtija matul is-seduta ma jippermettux lill-Qorti Ġenerali milli tevalwa l-imsemmija konsegwenzi finanzjarji.

258 Fil-fatt, jidher ċar li dawn il-konsegwenzi finanzjarji ma jistgħux jiġu evalwati fid-dawl tal-livell tal-investimenti mwettqa. Dawn il-konsegwenzi jikkorrispondu biss għall-ispejjeż li r-rikorrenti għandha ssostni sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva kkontestata u, b'mod partikolari, għat-telf eventwali ta' profittabbiltà li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipeline Nord Stream 2.

259 Issa, ir-rikorrenti ma pprovdietx dawn iċ-ċifri.

260 Fit-tielet lok, id-Direttiva kkontestata ma tipprekludix il-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tinnegozja ftehim internazzjonali mal-Federazzjoni Russa sabiex tittratta s-sitwazzjoni speċifika tal-pipeline Nord Stream 2.

261 Konsegwentement, minn naħa, ir-rikorrenti ma turix li d-Direttiva kkontestata timponilha obbligi li ma humiex neċessarji fid-dawl tal-għan tat-twettiq tas-suq intern.

262 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma turix li l-inkonvenjenzi, għaliha jew għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha, li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 huma manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-importanza tal-għanijiet imfittxija u tal-vantaġġi miksuba mill-Unjoni minn dawn l-obbligi.

263 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u fid-dawl tal-marġni ta' evalwazzjoni li l-leġiżlatur għandu (ara l-punti 34 sa 37 iktar 'il fuq), ir-rikorrenti ma turix li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'mod ġenerali, u għall-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari, hija manifestament mhux xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva kkontestata.

264 Għalhekk it-tieni motiv huwa miċħud.

5. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter

265 Skont ir-rikorrenti, mit-tieni motiv tagħha, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jirriżulta li d-Direttiva kkontestata ma tistax tikkontribwixxi b'mod utli għat-twettiq tal-għanijiet iddikjarati tagħha u, fi kwalunkwe każ, ma tikkontribwixxix għat-twettiq tal-imsemmija għanijiet.

266 Għall-kuntrarju, l-għan reali tad-Direttiva kkontestata jikkonsisti sempliċement li tqiegħed fi żvantaġġ u tiskoraġġixxi l-proġett Nord Stream 2 sabiex, apparentement, tipproteġi t-tranżitu ta' gass mill-Ukraina u mill-Istati Membri ta' tranżitu tal-Ewropa tal-Lvant, bħall-Polonja, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u r-Rumanija, u sabiex jintlaħqu ċerti għanijiet marbuta mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tinvoka dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Parlament, ittri ta' grupp ta' Stati Membri li jopponu l-proġett, skeda informattiva tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta għal direttiva u, fl-aħħar nett, il-fatt li d-Direttiva kkontestata kienet ġiet proposta biss sabiex jiġu evitati d-diffikultajiet legali mqajma mit-talba għal mandat imsemmija fil-punt 78 iktar 'il fuq.

267 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika tal-Estonja, mir-Repubblika tal-Litwanja u mill-Kummissjoni, jikkontestaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

268 F'dan ir-rigward, att ikun ivvizzjat minn użu ħażin ta' poter biss jekk, abbażi ta' indizji oġġettivi, rilevanti u konkordanti, jidher li dan ikun ittieħed esklużivament, jew tal-inqas b'mod determinanti, għal finijiet li ma humiex dawk li għalihom il-poter inkwistjoni ngħata jew bl-għan li tiġi evitata proċedura speċjalment prevista mit-Trattati sabiex jittrattaw iċ-ċirkustanzi tal-każ (ara s-sentenza tas-16 ta' April 2013, Spanja u L-Italja vs Il-Kunsill, C-274/11 u C-295/11, EU:C:2013:240, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

269 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li d-Direttiva kkontestata hija bbażata fuq l-Artikolu 194 TFUE u li r-rikorrenti ma ssostnix li l-bażi legali ta' din id-direttiva hija żbaljata.

270 Is-sempliċi fatt li d-Direttiva kkontestata taffettwa negattivament il-pipeline Nord Stream 2 ma jistax, waħdu, jiġi interpretat fis-sens li l-intenzjoni tal-leġiżlatur kienet li jintlaħaq għan differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE.

271 Hekk kif dan jirriżulta mill-eżami tat-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ir-rikorrenti ma turix li d-Direttiva kkontestata kienet ġiet adottata sabiex jintlaħqu għanijiet differenti minn dawk imsemmija fl-imsemmija direttiva u li r-rieda li jiġi żvantaġġat il-pipeline Nord Stream 2 ikkostitwixxiet għan imfittex mid-Direttiva kkontestata.

272 Min-naħa l-oħra, id-Direttiva kkontestata għandha tassew bħala għan li tirrimedja problemi usa' li l-proġett tar-rikorrenti, fost ċirkustanzi oħra, kien ikkontribwixxa sabiex jinkixfu.

273 Fil-fatt, id-Direttiva kkontestata tittratta ostakoli għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali, jiġifieri, essenzjalment, wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE. Għal dan l-għan, din id-direttiva twettaq l-għanijiet iktar speċifiċi ta' ċertezza legali, ta' konsistenza tal-qafas legali u ta' prevenzjoni tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u tal-effetti dannużi fuq is-sigurtà tal-provvista permezz ta' estensjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines kollha lejn u minn pajjiżi terzi, kemm jekk dawn il-pipelines ikunu terrestri jew offshore, futuri jew eżistenti.

274 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma turix li d-Direttiva kkontestata, li ma tipprekludihiex milli topera l-pipeline tagħha b'mod ekonomikament aċċettabbli u milli tikseb rendiment xieraq mill-investimenti tagħha, taqbeż il-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija sa fejn hija ma tistax tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a.

275 Fl-aħħar nett, bla ħsara għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, id-Direttiva kkontestata hija intiża li tislet il-konsegwenzi tal-applikabbiltà tal-prinċipji tad-Direttiva 2009/73 għall-pipelines eżistenti u futuri fuq il-ftehimiet internazzjonali eżistenti jew futuri, konklużi jew li għandhom jiġu konklużi, bejn l-Unjoni jew Stat Membru, minn naħa, u pajjiż terz, min-naħa l-oħra.

276 Ir-rikorrenti lanqas ma għandha raġun issostni li d-Direttiva kkontestata għandha l-għan li tevita d-diffikultajiet legali li kienu tqajmu mit-talba għal mandat indirizzata mill-Kummissjoni lill-Kunsill sabiex tiġi awtorizzata tinnegozja ftehim internazzjonali mal-Federazzjoni Russa rigward il-pipeline Nord Stream 2.

277 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva, id-Direttiva kkontestata ma tissostitwixxix deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja tali ftehim. Id-Direttiva kkontestata u n-negozjar ta' ftehim internazzjonali mill-Kummissjoni huma, min-naħa l-oħra, strumenti addizzjonali.

278 Barra minn hekk, id-dikjarazzjonijiet u l-opinjonijiet invokati mir-rikorrenti kienu preċiżament motivati minn wieħed jew iktar mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 194 TFUE u segwiti mid-Direttiva kkontestata.

279 Għalhekk ir-raba' motiv huwa miċħud.

6. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali

280 Il-ħames motiv invokat mir-rikorrenti huwa kompost minn tliet partijiet.

281 Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti tinvoka l-assenza ta' konsultazzjonijiet wiesgħa, konformement mal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, anness mat-Trattat UE u mat-Trattat FUE. Il-Kummissjoni lanqas ma pproċediet għal bilanċ tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Skont ir-rikorrenti, il-proposta għal direttiva ma hijiex ibbażata fuq prassi stabbilita u kostanti li tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 fir-rigward tal-pajjiżi terzi.

282 Permezz tat-tieni parti, ir-rikorrenti tinvoka l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt. Tali analiżi kienet manifestament neċessarja u kienet ikkostitwixxiet kundizzjoni preliminari u essenzjali għall-validità tal-proposta għal direttiva minħabba, essenzjalment, l-effetti kunsiderevoli tagħha, b'mod partikolari fuq ir-rikorrenti.

283 In-nuqqas li jsiru konsultazzjonijiet wiesgħa kif ukoll valutazzjoni tal-impatt jikkostitwixxi ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.

284 Permezz tat-tielet parti, ir-rikorrenti ssostni li l-għanijiet reali tal-proposta għal direttiva u l-implikazzjonijiet tagħha ma ġewx iċċarati, b'mod partikolari permezz ta' valutazzjoni tal-impatt. Għalhekk, konsultazzjoni utli fid-dritt ma setgħetx isseħħ bi ksur tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat UE u mat-Trattat FUE.

285 Barra minn hekk, il-proposta għal direttiva ma inkludietx ġustifikazzjonijiet sostantivi konformi mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2 fir-rigward tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

286 Il-Parlament u l-Kunsill, sostnuti mir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni, jikkontestaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

287 Qabelxejn, għandu jiġi enfasizzat li, anki meta l-qorti tal-Unjoni tkun wettqet stħarriġ ġudizzjarju ta' portata limitata minħabba setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu, tali stħarriġ jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, awturi tal-att inkwistjoni, ikunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu quddiem il-qorti tal-Unjoni li l-att kien ġie adottat permezz ta' eżerċizzju effettiv tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom, li jippreżupponi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi u taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni li dan l-att kien intiż li jirregola. Minn dan jirriżulta li dawn l-istituzzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikunu kapaċi jipproduċu u jesponu b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-miżuri kkontestati tal-imsemmi att u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 81).

288 Barra minn hekk, minn naħa, mill-Protokoll Nru 2 u, b'mod partikolari, mill-Artikolu 2 tiegħu u, min-naħa l-oħra, mill-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU 2016, L 123, p. 1), jirriżulta li l-konsultazzjonijiet wiesgħa, l-evalwazzjonijiet *ex post* tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-valutazzjonijiet tal-impatt huma intiżi li jiggarantixxu l-kwalità tal-leġiżlazzjoni u li jippermettu lill-atturi differenti li jintervjenu matul il-proċedura leġiżlattiva li jagħtu evalwazzjoni b'għarfien sħiħ tal-fatti, fid-dawl, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u/jew ta' proporzjonalità.

289 F'dan il-każ, l-ewwel nett, huwa paċifiku li l-Kummissjoni, minn naħa, ma wettqitx konsultazzjonijiet wiesgħa relatati mas-suġġett speċifiku tal-proposta għal direttiva qabel ma ppreżentat din il-proposta u, min-naħa l-oħra, iġġustifikat l-approċċ tagħha permezz ta' każ ta' urġenza eċċezzjonali.

290 Sussegwentement, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva, il-Kummissjoni kkunsidrat li proċess ta' evalwazzjoni distint u *ex post* tal-leġiżlazzjoni eżistenti ma kienx neċessarju.

291 Fl-aħħar nett, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva u fid-dokument tax-xogħol li akkumpanja din il-proposta, il-Kummissjoni spjegat li l-proposta tagħha ma kinitx tirrikjedi valutazzjoni tal-impatt iddettaljata.

292 Sabiex jiġi evalwat jekk il-proċedura segwita f'dan il-każ hijiex regolari, għandhom jiġu ttrattati flimkien it-tliet partijiet tal-ħames motiv u għandhom jiġu eżaminati, l-ewwel nett, l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għat-tfassil tal-proposta għal direttiva sussegwentement ipprovduti lill-atturi l-oħra tal-proċess leġiżlattiv u, it-tieni nett, l-elementi addizzjonali li l-Parlament u l-Kunsill kellhom fil-mument li fih huma eżaminaw din il-proposta għal direttiva u sussegwentement adottaw id-Direttiva kkontestata.

a) Fuq l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għat-tfassil tal-proposta għal direttiva

293 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-proposta għal direttiva kienet issegwi linji gwida politiċi espressi b'mod ċar, kultant diversi drabi, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mill-Kunsill Ewropew, hekk kif dan jirriżulta mill-punti 56 sa 72 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida ġew ikkonkretizzati fit-talba għal mandat indirizzata mill-Kummissjoni lill-Kunsill, u sussegwentement fil-proposta għal direttiva. (ara l-punti 78 sa 82 iktar 'il fuq).

294 Fit-tieni lok, qabelxejn, id-Direttiva kkontestata kienet twassal sabiex jiġu estiżi prinċipji u mekkaniżmi li, konformement mad-Direttiva 2009/73, kienu diġà applikabbli għall-pipelines li kienu jaqsmu jew kienu qed jgħaddu mill-fruntiera bejn żewġ Stati Membri, bl-għan waħdieni li jgħaqqdu n-networks ta' trasport ta' dawn l-Istati Membri.

295 Sussegwentement, fir-rigward tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, hemm lok li jiġi rrilevat li l-proposta għal direttiva tal-Kummissjoni kienet ġiet ippreċeduta bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2017/684 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija, u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 994/2012 (ĠU 2017, L 99, p. 1)

296 Fil-kuntest tal-proċedura li ppreċediet l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2017/684, il-Kummissjoni kienet ħadet diversi passi, organizzat diversi laqgħat u wettqet konsultazzjoni pubblika bejn Lulju u Ottubru 2015. Barra minn hekk, hija kienet wettqet valutazzjoni tal-impatt li minnha jirriżulta li hija kellha għarfien fil-fond tal-kwistjonijiet indirizzati fil-proposta għal direttiva. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet taf fid-dettall il-karatteristiċi tal-pipelines eżistenti li għalihom id-Direttiva proposta setgħet tapplika. Fil-kuntest tal-eżami tagħha tal-ftehimiet intergovernattivi, li kienu ġew innotifikati lilha mill-Istati Membri taħt il-qafas tad-Deċiżjoni Nru 994/2012, il-Kummissjoni kienet fil-pożizzjoni li tanalizza l-effett tas-sottomissjoni tal-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

297 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, fost il-madwar 50 ftehim intergovernattiv li jirrigwardaw il-provvista, l-importazzjoni jew it-tranżitu ta' prodotti tal-enerġija, li kienu ġew innotifikati lilha skont id-Deċiżjoni Nru 994/2012, il-Kummissjoni kienet esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' 17 il-ftehim mat-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija jew mad-dritt tal-kompetizzjoni.

298 Madankollu, sitta minn dawn il-ftehimiet kienu jikkonċernaw il-proġett South Stream, li kien ġie abbandunat.

299 Barra minn hekk, ir-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 2009/73 kienu jinsabu f'diversi ftehimiet intergovernattivi oħra. Fil-fatt, dawn ir-rekwiżiti kienu sistematikament applikati għall-pipelines terrestri bejn Stat Membru u pajjiż terz.

300 Barra minn hekk, ċerti pajjiżi terzi kienu diġà obbligati jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni minħabba s-sħubija tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew fil-Komunità tal-Enerġija.

301 Huwa f'dan il-kuntest li, fl-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva, il-Kummissjoni enfasizzat, essenzjalment, li kienet teżisti prassi li kienet tikkonsisti li jiġu applikati l-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 fir-rigward tal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari permezz ta' ftehimiet intergovernattivi.

302 Għalhekk, minn naħa, qabel l-adozzjoni tal-proposta għal direttiva, il-Kummissjoni kienet diġà għamlet konsultazzjonijiet u wettqet valutazzjoni tal-impatt fuq kwistjonijiet marbuta mill-qrib ma' dawk ittrattati fl-imsemmija proposta. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kellha bażi sabiex tinvoka l-eżistenza ta' prassi eżistenti, li kienet tikkonsisti fl-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz.

303 Fit-tielet lok, hekk kif dan jirriżulta mill-eżami tat-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità (ara l-punti 181 sa 263 iktar 'il fuq), id-dokument tax-xogħol li kien jakkumpanja l-proposta għal direttiva kien jinkludi preżentazzjoni tal-problemi li kienu jirriżultaw mis-sitwazzjoni li kienet diġà teżisti u evalwazzjoni tal-impatt legali u ekonomiku ta' din il-proposta.

304 Għalhekk, huwa minnu li l-proposta għal direttiva ma kinitx akkumpanjata minn evalwazzjoni separata tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni eżistenti u minn valutazzjoni tal-impatt iddettaljata tal-emendi proposti.

305 Madankollu, il-Kummissjoni kienet ġustament ikkunsidrat li hija kienet suffiċjentement informata, fid-dawl tal-kuntest tal-proposta għal direttiva, bis-suġġett tal-emendi proposti għal-leġiżlazzjoni eżistenti, bil-konsultazzjonijiet u bl-istudji tal-impatt li hija kienet wettqet minn qabel u, fl-aħħar nett, bl-evalwazzjoni tal-impatt tal-proposta tagħha, li tinsab fid-dokument tax-xogħol li kien jakkumpanja din il-proposta.

306 Għall-istess raġunijiet, il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), il-parlamenti nazzjonali kif ukoll il-Parlament u l-Kunsill kellhom biżżejjed elementi biex jevalwaw il-proposta għal Direttiva fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

307 L-evalwazzjoni li tinsab fil-punt preċedenti ma hijiex ikkontestata mill-argumenti tar-rikorrenti bbażati, l-ewwel nett, fuq opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-KESE u, it-tieni nett, fuq il-fatt li l-elementi ta' informazzjoni kkomunikati lill-parlamenti nazzjonali ma kinux ippermettulhom jagħtu opinjoni b'għarfien sħiħ tal-fatti u għalhekk li jeżerċitaw l-istħarriġ tagħhom.

308 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, fl-opinjoni tiegħu dwar il-proposta għal direttiva, il-Kumitat tar-Reġjuni semma l-importanza ta' valutazzjoni tal-impatt, fid-dawl tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Min-naħa tiegħu, il-KESE enfasizza li l-assenza ta' valutazzjoni tal-impatt kien ta' dispjaċir.

309 Madankollu, dawn iż-żewġ korpi konsultattivi ma indikawx li kien impossibbli għalihom li jipprovdu opinjoni dwar il-proposta għal direttiva. Dawn il-korpi appoġġjaw il-proposta għal Direttiva filwaqt li rrakkomandaw emendi li huma qiesu neċessarji. Il-qari tal-opinjonijiet adottati minn dawn iż-żewġ korpi juri li dawn tal-aħħar kienu informati biżżejjed dwar il-problemi li l-proposta għal direttiva kienet intiża li ssolvi u tal-impatt ta' din tal-aħħar, b'mod partikolari fuq l-investimenti fl-infrastrutturi eżistenti jew futuri. Barra minn hekk, il-KESE enfasizza li wħud mill-elementi fattwali, li sostnew l-argumenti fformulati favur emendi proposti, kienu jinsabu fid-dokument tax-xogħol li akkumpanja l-proposta għal direttiva jew fil-valutazzjonijiet fil-fond imwettqa mill-Kummissjoni, bħall-valutazzjoni tal-impatt tad-Direttiva 2009/73. Il-KESE enfasizza wkoll li kien ċar li l-proposta kellha l-għan li tintroduċi possibbiltà ta' intervent kbir li jista' jillimita t-tisħiħ tad-dipendenza fuq il-gass Russu, u b'hekk jistimula d-diversità tal-provvista.

310 It-tieni nett, fir-rigward tal-parlamenti nazzjonali, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li, kif isostni l-Kunsill, il-protokolli invokati mir-rikorrenti jagħtu rwol lill-parlamenti nazzjonali biss f'dak li jirrigwarda l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

311 Għalhekk, sa fejn ir-rikorrenti ssostni li l-parlamenti nazzjonali ma kinux ġew ikkonsultati "biżżejjed" fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dan l-argument għandu jiġi miċħud.

312 Sussegwentement, fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti indirizzati kontra l-motivazzjoni tal-proposta għal direttiva fid-dawl tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, għandu jiġi rrilevat li l-espożizzjoni tal-motivi ta' din il-proposta tippreżenta b'mod ċar ir-raġunijiet li għalihom azzjoni fil-livell tal-Unjoni kienet neċessarja (ara l-punti 193 u 197 iktar 'il fuq).

313 Id-dokument tax-xogħol li akkumpanja l-proposta għal Direttiva jinkludi spjegazzjonijiet addizzjonali relatati mal-ħtieġa għal azzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-Unjoni.

314 Għalhekk, il-proposta għal direttiva kienet suffiċjentement motivata fid-dawl tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

315 Il-kontenut tal-opinjoni motivata maħruġa mis-Senat Franċiż jikkonferma li, abbażi tal-elementi ta' informazzjoni li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, il-parlamenti nazzjonali setgħu jieħdu pożizzjoni dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kunsill barra minn hekk ipproduċa l-opinjonijiet ta' tliet parlamenti nazzjonali oħra li fihom dawn tal-aħħar ma qajmux oġġezzjonijiet fir-rigward tal-imsemmi prinċipju.

316 Konsegwentement, l-assenza ta' konsultazzjonijiet dwar l-għan speċifiku tal-proposta għal direttiva u l-assenza ta' evalwazzjoni distinta u ddettaljata tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni eżistenti u tal-impatt tal-proposta għal direttiva qabel il-preżentazzjoni tagħha ma jistgħux jaffettwaw il-legalità tad-Direttiva kkontestata.

317 Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li l-Parlament u l-Kunsill ġabru elementi ta' informazzjoni addizzjonali wara l-preżentazzjoni tal-proposta għal direttiva. (ara l-punti 318 *et seq* iktar 'il quddiem).

b) Fuq l-elementi addizzjonali miġbura wara l-preżentazzjoni tal-proposta għal Direttiva

318 Waqt l-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, il-Parlament u l-Kunsill kellhom mhux biss l-elementi msemmija fil-punti 293 sa 303 iktar 'il fuq, iżda wkoll elementi miġbura wara l-preżentazzjoni tal-proposta għal direttiva.

319 Fil-fatt, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta għal direttiva bejn is-6 ta' Diċembru 2017 u l-31 ta' Jannar 2018. Bi tweġiba għal din il-konsultazzjoni, din l-istituzzjoni rċeviet 37 kontribuzzjoni li kienu ġejjin b'mod partikolari minn awtoritajiet pubbliċi, minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, minn assoċjazzjonijiet professjonali u minn impriżi privati bħar-rikorrenti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma, mingħajr ma huwa kkontestat mir-rikorrenti, li dan il-feedback ittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tal-fajl leġiżlattiv minnu.

320 Barra minn hekk, il-Parlament organizza smigħ pubbliku dwar ir-"reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Gass" fil-21 ta' Frar 2018.

321 Fl-aħħar nett, mid-dokumenti prodotti mir-rikorrenti jirriżulta li diversi studji u pubblikazzjonijiet relatati mal-proposta għal direttiva kienu għad-dispożizzjoni tal-leġiżlatur.

322 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma wrietx li l-assenza ta' konsultazzjonijiet wiesgħa dwar is-suġġett speċifiku tal-proposta għal direttiva qabel l-adozzjoni tagħha kif ukoll l-assenza ta' evalwazzjoni distinta tal-leġiżlazzjoni eżistenti u ta' valutazzjoni tal-impatt iddettaljata jistgħu jaffettwaw il-legalità tad-Direttiva kkontestata.

323 Sa fejn ir-rikorrenti ssostni li l-irregolaritajiet li hija tallega wasslu lil-leġiżlatur sabiex iwettaq użu ħażin ta' poter jew sabiex jikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità, dan l-argument diġà ġie miċħud fil-punti 113 sa 279 iktar 'il fuq.

324 Fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, ir-rikorrenti ma tipproduċi ebda prova ta' natura li turi tali ksur. Barra minn hekk, fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 2, l-opinjoni motivata maħruġa mis-Senat Franċiż, li kienet ta' natura iżolata, ma kinitx teħtieġ tweġiba speċifika mil-leġiżlatur.

325 Il-ħames motiv huwa għalhekk miċħud kif ukoll, għaldaqstant, it-talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 49a fl-intier tagħhom.

C. Fuq it-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura

326 Permezz ta' att separat ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2019, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti Ġenerali tadotta miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura sabiex il-Kunsill jipproduċi l-verżjonijiet mhux imnaddfa ta' 25 dokument, li kienu jinkludu b'mod partikolari l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri dwar il-proposta għal direttiva u li għalihom wieħed mill-impjegati tagħha kien kiseb aċċess parzjali biss abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331). Din it-talba kienet tirrigwarda wkoll żewġ dokumenti oħra li l-aċċess għalihom kien ġie rrifjutat lil dan l-impjegat.

327 F'dan ir-rigward, wara d-digriet tas-17 ta' Frar 2023, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19 RENV, mhux ippubblikat, EU:T:2023:85), ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura sa fejn hija intiża għall-produzzjoni ta' verżjonijiet mhux imnaddfa tal-osservazzjonijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja tal-11 ta' Diċembru 2017 u tal-21 ta' Jannar 2019.

328 Fir-rigward tad-dokumenti l-oħra kkonċernati mit-talba tar-rikorrenti, għandu jiġi enfasizzat, l-ewwel nett, li din it-talba hija intiża sabiex turi li l-istatus speċifiku tar-rikorrenti kien fil-qalba tal-motivi tad-Direttiva kkontestata u li din id-direttiva kienet immirata lejn ir-rikorrenti.

329 F'dan ir-rigward, fid-dawl tar-raġunijiet li għalihom ir-raba' motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter, ġie miċħud (ara l-punti 269 sa 278 iktar 'il fuq), il-fatt li l-Istati Membri kienu ħadu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni tar-rikorrenti u li dan il-fatt jiġi sostnut minn numru ikbar ta' dokumenti minn dawk li din tal-aħħar diġà għandha ma huwiex ta' natura li juri użu ħażin ta' poter.

330 It-tieni nett, sa fejn it-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura hija intiża wkoll sabiex turi l-fondatezza tal-motivi l-oħra invokati mir-rikorrenti u, b'mod partikolari, il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti żżomm u pproduċiet quddiem il-Qorti Ġenerali numru kunsiderevoli ta' dokumenti relatati mad-diskussjonijiet li seħħew fi ħdan il-Kunsill matul il-proċedura ta' adozzjoni tad-Direttiva kkontestata u li, abbażi ta' dawn id-dokumenti, ir-rikorrenti kienet f'pożizzjoni li ssostni l-argumenti tagħha.

331 Barra minn hekk, minkejja l-fatt li, wara l-preżentata tar-rikors, ir-rikorrenti, permezz tal-impjegat tagħha, kisbet mill-Kunsill aċċess sħiħ għal 23 dokument li hija kienet talbet u aċċess parzjali għal 25 dokument ieħor, ir-rikorrenti, fir-replika, ma użatx l-imsemmija dokumenti insostenn tal-motivi differenti tagħha. Fil-fatt, ir-rikorrenti użat biss tlieta minn dawn id-dokumenti, sabiex issostni li l-Artikolu 36, kif emendat, u l-Artikolu 49a ma kinux separabbli mill-bqija tad-Direttiva kkontestata. (ara l-punt 19 iktar 'il fuq).

332 It-tielet nett, mill-eżami tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet motiv invokati mir-rikorrenti jirriżulta li l-leġiżlatur ma kisirx il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' proporzjonalità u u ta' ċertezza legali meta ddeċieda li d-deroga prevista fl-Artikolu 49a kienet applikabbli għall-pipelines li tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019.

333 F'dan ir-rigward, il-fatt li, fil-kuntest ta' diskussjonijiet miftuħa u evoluttivi li saru matul il-proċedura leġiżlattiva, ċerti Stati Membri, fosthom ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, esprimew dubji dwar il-legalità ta' verżjonijiet differenti tal-proposta għal direttiva fid-dawl tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, invokati mir-rikorrenti, ma jfissirx li din id-direttiva hija neċessarjament illegali. Barra minn hekk, minn dokument ippreżentat mill-Kunsill jirriżulta li 27 Stat Membru vvotaw favur id-direttiva u li Stat Membru, li ma huwiex ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, astjena ruħu.

334 Fid-dawl, l-ewwel nett, tal-motivazzjoni tat-talba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, it-tieni nett, tad-dokumenti li għalihom ir-rikorrenti kellha aċċess u tal-użu li hija għamlet minnhom u, it-tielet nett, tar-raġunijiet li għalihom il-motivi differenti invokati minn din tal-aħħar ġew miċħuda, it-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura relatata mad-dokumenti li għalihom l-imsemmija talba ma tilfitx is-suġġett tagħha għandha tiġi miċħuda.

335 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

336 Konformement mal-Artikolu 195 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tiddeċiedi f'din is-sentenza, minn naħa, dwar l-ispejjeż kollha relatati mal-proċeduri quddiemha, jiġifieri l-proċeduri fil-Kawżi T-526/19 u T-526/19 RENV kif ukoll, min-naħa l-oħra, dwar l-ispejjeż relatati mal-proċedura tal-appell, jiġifieri l-proċedura fil-Kawża C-348/20 P.

337 F'dan ir-rigward, peress li l-Parlament u l-Kunsill, essenzjalment, tilfu fil-kuntest tal-proċedura ta' appell, huma għandhom jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż relatati mal-Kawżi T-526/19 u C-348/20 P, konformement mat-talbiet tar-rikorrenti.

338 Peress li r-rikorrenti tilfet fil-kuntest ta' din il-kawża, ħlief fir-rigward tat-talba inċidentali tal-Kunsill għall-irtirar ta' ċerti dokumenti mill-proċess (ara l-punt 327 iktar 'il fuq), hemm lok li tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż relatati ma' din il-kawża, konformement mat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill.

339 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti minn Nord Stream 2 AG fil-kuntest tal-Kawżi T-526/19 u C-348/20 P.**

3) **Nord Stream 2 għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sosnuti mill-Parlament u mill-Kunsill fil-kuntest tal-Kawża T-526/19 RENV.**

4) **Ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

van der Woude Svenningsen

Mac Eochaidh J. Martín y Pérez de Nanclares

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Novembru 2024.

Firem

Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 2

A. Id-Direttiva 2009/73 . . . 2

B. Ir-rikorrenti . . . 3

C. Id-Direttiva kkontestata . . . 3

II. Il-proċeduri preċedenti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja . . . 4

III. It-talbiet tal-partijiet . . . 4

IV. Id-dritt . . . 5

A. Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tad-Direttiva kkontestata fl-intier tagħha. . . . 5

B. Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament tal-Artikolu 49a . . . 6

1. Osservazzjonijiet preliminari . . . 6

2. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali . . . 7

a) Fuq iċ-ċirkustanza li skontha r-rikorrenti ma tistax tibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 36, kif emendat . . . 9

1) Fuq il-kuntest li fih ir-rikorrenti ddeċidiet li tinvesti . . . 9

2) Fuq il-kontinwazzjoni tal-investimenti . . . 12

b) Fuq iċ-ċirkustanza li skontha li r-rikorrenti ma tistax tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 49a . . . 14

3. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament . . . 17

a) Fuq l-allegat trattament differenzjat ta' sitwazzjonijiet komparabbli . . . 17

b) Fuq il-ġustifikazzjoni ta' eventwali trattament differenzjat ta' sitwazzjonijiet komparabbli . . . 21

4. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità . . . 23

a) Fuq il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li twettaq l-għanijiet imfittxija sa fejn ir-rikorrenti la tista' tibbenefika minn eżenzjoni u lanqas minn deroga . . . 25

1) Fuq il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li twettaq l-għanijiet ta' ċertezza legali u ta' konsistenza tal-qafas legali . . . 25

2) Fuq il-kapaċità tad-Direttiva kkontestata li tipprevjeni d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista . . . 27

b) Fuq l-assenza ta' qbiż tal-limiti ta' dak li huwa neċessarju sa fejn ir-rikorrenti la tista' tibbenefika minn eżenzjoni u lanqas minn deroga 31

1) Fuq l-allegata natura suffiċjenti tar-regolamentazzjoni tal-ewwel punt ta' dħul fl-Unjoni 31

2) Fuq ir-restrizzjonijiet sostnuti mir-rikorrenti 32

5. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq użu ħażin ta' poter 34

6. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali 35

a) Fuq l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għat-tfassil tal-proposta għal direttiva 37

b) Fuq l-elementi addizzjonali miġbura wara l-preżentazzjoni tal-proposta għal Direttiva 40

C. Fuq it-talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura 41

Fuq l-ispejjeż 42